Ħarġa nru. 80 - Novembru 2013

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar




## L-ewwel rebħa għal Malta kontra Faroe Islands

AKTAR F'PAĠNA 14

• FOOTBALL • BASKETBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAL-FOOTBALL MALTI
• SNOOKER • TIĠRIJIET TAŻ-ŻWIEMEL • GOZO SPORT

TeamSporT®
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT


The World's Top Clubs and Leagues play on FIELDturf®
FieldTurf was the very first artificial surface to attain FIFA Recommended status due to its superior grass-like performance. FieldTurf was the 1st artificial pitch to host a UEFA Cup Qualifying Round (Torpedo, Moscow); and the 1st to host a FIFA Football Tournament (Jeux de la Francophonie). FieldTurf has passed the international governing body's most stringent testing and has more FIFA Recommended pitches than anyone else. FieldTurf is also UEFA Certified.
Arsenal
"Since we purchased our first FieldTurf pitch in 2001, we have been extremely pleased with its performance and for us at the Youth Academy there was no other choice when the indoor hall was built. We continue to be thoroughly satisfied with FieldTurf."
John Beattie, Stadium Manager
- Arsenal Football Club PLC
WERDER BREMEN
"Football players of every age - as well as the professionals of the premier league - were all very enthusiastic about the FieldTurf pitch. It offers excellent playing conditions and training - even in winter - and the risk of injuries is minimal. For this reason, we decided to get a new FieldTurf Pitch in 2005."
Klaus Allofs, Manager
- SV Werder Bremen, 1
Arsenal
Aston Villa FC
Barcellona FC
Birmingham City FC
Charlton Athletic FC
Chelsea FC
Fulham FC
Glasgow Rangers
Leeds United FC
Lokomotiv FC
Liverpool FC
Manchester City FC
Middlesbrough FC
Newcastle United FC
Norwich City FC
Shakhtar FC
Torpedo FC (Moscow)
Werder Bremen
Find out how Fieldturf can make your new pitch a reality.
Contact: Mario Attard - Intersteel & Fence Limited - Bulebel Tel: 21693175/6 - 99490003



# Novembru 2013

Ix-xahar ta' Novembru kien mimli attivtajiet sportivi fejn anke kienu mpenjati t-tliet timijiet nazzjonali.

Għall-ewwel darba minn erba' konfronti, f'partita ta' ħbiberija t-team tal-Kbar irnexxielu jegħleb lil Faroe Islands bl-iskor ta' 3-2.

Iżda dak ta' Taħt il-21 sena sofra telfiet kbar, fir-round preliminari tal-Kampjonat Ewropew, meta ġie megħlub mill-Polonja (5-1) u mill-Isvezja (5-0) rispettivament.

Anke dak tan-Nisa, safa megħlub mill-Iżreal (2-0) u mid-Danimarka (5-0).

Fil-Kampjonat Premier ingħata bidu għat-tieni round tal-Ewwel Fażi fejn Birkikara laħqu lil Hibernians fil-quċċata tal-klassifika, b'Valletta jżommu l-pass eżatt warajhom.

Barra minn hekk, intlagħbu t-tieni u tielet rounds tal-U*BET FA Trophy fejn daħlu jilagħbu t-timijiet tal-Premier.

Fil-basketball bdew jintrebħu għadd ta' unuri fit-tliet kategoriji filwaqt li fit-Tiġrijiet taż-Żwiemel saret il-finali tal-Kampjonat tal-Ħarifa.

Dan kollu ssibuh ... fl-aqwa magażin sportiv ...

**Jesmond Moore - Editur**





# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

Kemm kien ir-riżultat ta' Malta kontra Faroe Islands biex kisbet l-ewwel rebħa fuqhom?

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru, 2013:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 79 hija:*
**Repubblika Ċeka**
*u r-rebbieħa huma (1) Raymond Falzon - Gudja*
*(2) Shaun Mifsud - Hamrun (3) Manfred Barbara - Santa Venera*









Common Blue / Farfett tal-Anġlu




# ir-rigal ideali dan il-Milied

Qed tfittex rigal differenti dan il-Milied?
Il-BOV MasterCard Prepaid Card hija ir-rigal ideali li toffrilek konvenjenza u flessibiltà biex tħallas għal dak li tixtieq. Tista' tintuża wkoll għal pagamenti online u hija disponibbli f'denominazzjonijiet ta' €50, €75, €100 u €150.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV CARDS**

**2131 2020 | bov.com**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta









Ħarġa nru 80
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn**
**Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900216

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt
Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com
Jason Penza
jpenza@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Ray Attard
Roger Azzopardi

***Cover - L-attakkant Andrè Schembri fl-azzjoni għal Malta kontra Faroe Islands***

**SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta**

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# Werrej

4 **MFA**
Tkompli l-ħidma fi ħdan l-Assoċjazzjoni

14 **Malta v Faroe Islands**
Malta tirreġistra l-ewwel rebħa fuq Faroe Islands

16 **Malta Under 21**
Żewġ telfiet kbar għal Malta

18 **Fa Trophy**
Jintlagħbu t-Tieni u t-Tielet Rounds

20 **World Cup Nisa**
Bidu diffiċli għal Malta

22 **Kampjonat Premier**
Hibernians milħuqa minn Birkikara

26 **Kampjonat I Diviżjoni**
Pietà H. b'erba punti vantaġġ fil-quċċata

28 **Kampjonat II Diviżjoni**
Pembroke A. iżommu l vantaġġ fil quċċata

29 **Kampjonat III Diviżjoni**
Il-leaders Sirens mingħajr telfa

30 **Youth FA**
Ħarsa lejn aktar Nurseries fi ħdan il-Youth FA

32 **Rugby**
Malta tegħleb lill-Kroazja b'wirja konvinċenti

34 **KMS**
Il-Gvern huwa kommess li l-isport Malti jkun nadif u ħieles minn kull abbuż

42 **Sports & Excercise**
The font of the matter

44 **Gozo Sports**
Għajnsielem iżommu t-Tazza għandhom

46 **Basketball**
Jingħata bidu għal bosta kompetizzjonijiet

48 **Snooker**
Kevin Mercieca jegħleb lil Mario Cutajar 9-4 fil-final

50 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Midnight Passion jirbaħ il-finali tal-Kampjonat tal-ħarifa

52 **Storja Football Malti**
Floriana Champions 1957/58

54 **Storja Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja

mfa.com.mt

network
fare
no to discrimination
yes to equality




# Malta hija parti integrali mill-inizjattiva FARE

**"AĦNA NIES TAL-FUTBOL"** kien il-messaġġ li, fl-24 ta' Ottubru, dewa f'mijiet ta' attivitajiet li saru f'ħafna pajjiżi fl-Ewropa u fil-kontinenti tal-Afrika, l-Amerika ta' Fuq u tal-Amerika t'Isfel.

L-attivitajiet 2013 FARE Action fetħu, fil-15 ta' Ottubru, u matul il-perjodu ta' ġimagħtejn ħadu azzjoni kontra d-diskriminazzjoni u ċċelebraw id-diversità li toffri l-logħba tal-futbol.

Matul dawn il-ġimagħtejn ta' azzjoni, din l-attività għaqqdet il-partitarji, gruppi ta' minoranza, attivisti u gruppi ta' Grassroots ma' plejers, klabbs u federazzjonijiet tal-futbol f'messaġġ wieħed kontra kull forma ta' diskriminazzjoni kemm barra u kif ukoll fil-pitch.

'Il fuq minn 270 grupp, ingħataw għotjiet biex jappoġġjaw dawn l-attivitajiet li kienu jinkludu koreografiji fl-istadiums, tournaments, dibattiti u kull azzjoni oħra konta d-diskriminazzjoni fil-futbol.

Bħas-snin l-oħra, Malta li tifforma parti integrali minn din il-kampanja li l-UEFA tatha importanza kbira waqt il-logħbiet taċ-Champions League u tal-Europa League, ħadet sehem b'mod attiv. F'40 logħba fl-Ewropa kollha, twassal il-messaġġ permezz tat-timijiet bil-kliem "Le għar-Razziżmu".

Pajjiżna hu kburi li ha sehem f'din l-attività ta' azzjoni, attività fl-isport b'messaġġ soċjali li ġab l-għaqda fost nies ta' kulur u kulturi differenti li l-obbjettiv ewlieni kien biex isib soluzzjonijiet ġodda biex jikkumbatti d-diskriminazzjoni.

F'Malta, waqt il-logħba mill-Kampjonat BOV Premier bejn Hibernians u Floriana, il-plejers taż-żewġ timijiet libsu flokkijiet biex juru li anki pajjiżna huwa kontra kull tip ta' diskriminazzjoni.

Bħall-pajjiżi oħrajn, permezz tal-MFA, Malta tifforma parti minn kontinent li huwa favur il-prinċipji nobbli fl-isport b'mod partikolari fil-futbol.



# Franz Tabone f'Londra għall-preżentazzjoni

## ta' pubblikazzjoni ġdida ta' Declan Hill

**L-INTEGRITY OFFICER TAL-MFA**, Franz Tabone, dan l-aħħar kien f'Birkbeck College, Univeristà ta' Londra li hija Ċentru tal-Isport u n-Negozju. Huwa attenda seminar li fih ġie ppreżentat l-aħħar ktieb ta' Declan Hill 'The Insider's Guide to Match Fixing in Football'. Hill huwa ġurnalist investigattiv, akkademiku u jagħmel bosta dokumentarji interessanti.

Dan mhuwiex l-ewwel ktieb ta' dan il-ġeneru li ppubblika Declan Hill.

Fl-ewwel ktieb tiegħu, 'The Fix', Hill kiteb dwar is-sigrieti mistura ta' dawn iż-żmienijiet moderni tal-korruzzjoni. It-tieni ktieb huwa aktar ta' natura akkademika. Dan jagħti ħarsa aktar profonda fil-match-fixing.

Dan il-ktieb huwa bbażat fuq it tezi ta' Hill li biha kiseb id-dottorat. Il-ktieb il-ġdid huwa analiżi tal-motivazzjonijiet, il-mekkaniżmu u l-metodi moderni tal-korruzzjoni. Għal dan l-avveniment kien hemm preżenti akkademiċi, membri tal-media, aġenti tal-plejers, esperti u analisti tal-betting, membri mill-FIFPro u l-FA Ingliża li ġew minn madwar id-dinja kollha.

Franz Tabone kien introdott minn Declan Hill bħala wieħed mill-aqwa Integrity Officers fi ħdan il-UEFA. Tabone kien mistieden jagħmel preżentazzjoni dwar il-ktieb ta' Hill u l-inizjattivi li qed tieħu l MFA biex tikkumbatti l-match fixing.

Is-sur Tabone ħa wkoll l-opportunità biex jintroduċi u jispjega l-format u l-kontenut tal-workshops edukattivi li se jsiru għall-klabbs, dawn se jibdew fil-bidu tas-sena l-ġdida bil-kollaborazzjoni ta' Sportradar, bit-tema tkun: 'Le għal Match Fixing'.

Tony Higgins mill-FIFPro għamel preżentazzjoni qasira li matulha elenka l-importanza tas-salarji tal-plejers u l-obbligazzjonijiet tal-klabbs. Huwa qal li jekk il-klabbs ma jonorawx l-obbligazzjonijiet tagħhom dan jattira minnufih dawk li jorganizzaw il-match fixing u jittantaw lill-plejers għal aktar problemi fil-futur.

Bis-sehem tiegħu f'dan l-avveniment, Franz Tabone ngħata l-opportunità li jkabbar il-ħidma tiegħu filwaqt li l-Malta Football Association qed tkun rikonoxxuta minn ta' quddiem f'dan il-qasam.








## Under 19 Tfajliet - Poloz tal-Kampjonat Ewropew 2014/15

# Grupp diffiċli għal Malta

**NHAR L-ERBGĦA, 20 TA' NOVEMBRU**, f'Nyon, l-Isvizzera, ittellgħu l-poloz tal-Kampjonat Ewropew 2014/15 ta' Taħt id-19-il sena tat-Tfajliet fejn Malta se tiffaċċja avversarji diffiċli mil-lvant tal-Ewropa – Repubblika Ċeka, Rumanija u Bosnja Herzegovina.

It-tlugħ tal-poloz kienu mmexxija mid-direttur tal-kompetizzjonijiet tal-UEFA, Giorgio Marchetti, u ttellgħu mill-captain tat-team nazzjonali Ingliż tas-sena li għaddiet, Sherry McCue, li rċeviet l-unur tal-Fair Play, f'isem it-tim.

Dan l-istadju huwa maqsum minn 11-il grupp bil-logħbiet jintlagħbu f'mini-tournament bejn it-13 u t-18 ta' Settembru, 2014, bil-pajjiżi ospiti għad iridu jitħabbru aktar 'il quddiem.

Minn dan ir-round preliminari jridu jikkwalifikaw 21 tim għall-Elite Round - il-11-il rebbieħa (ta' kull grupp) flimkien ma' l-għaxar timijiet li jispiċċaw fit-tieni post bl-aħjar rekord. Dawn il-21 tim jingħaqdu mal-aqwa tliet timijiet issidjati, il-Ġermanja, l-Ingilterra u Franza.

Minn dan ir-round jikkwalifikaw seba' timijiet għall-Fażi Finali li tinkludi lit-tim ospitu tal-Iżrael.

Din se tkun it-tieni darba li t-tim nazzjonali Malti tat-tfajliet se jieħu sehem f'din il-kategorija, wara li din is-sena t-tim ipparteċipa għall-ewwel darba fil-kompetizzjoni.

**Il-poloz irriżultaw hekk:**

| | |
|---|---|
| **Grupp 1:** | Spanja, Islanda, Kroazja, Litwanja |
| **Grupp 2:** | Danimarka, Ukrajna, Ċipru, Azerbaijan |
| **Grupp 3:** | Norveġja, Skozja, Polonja, Albanija |
| **Grupp 4:** | Italja, Wales, Turkija, Kazakhstan |
| **Grupp 5:** | Olanda, Serbja, Faroe Islands, Latvja |
| **Grupp 6:** | Svezja, Irlanda, Moldova, Montenegro |
| **Grupp 7:** | Repubblika Ċeka, Rumanija, Bosnja Herzegovina, Malta |
| **Grupp 8:** | Portugall, Russja, Maċedonja, Belarus |
| **Grupp 9:** | Belġju, Ungerija, Slovenja, Estonja |
| **Grupp 10:** | Finlandja, Irland ta' Fuq, Greċja, Georgia |
| **Grupp 11:** | Svizzera, Awstrija, Slovakkja, Bulgarija |



# Il-Grassroots Football

## diskuss fi Study Group fl-Iskozja

**LEJN L-AĦĦAR TA' OTTUBRU** li għadda, grupp ta' amministraturi u kowċis miċ-Ċentru Tekniku u diversi nurseries, marru Edinburgh, l-Iskozja, biex jieħdu sehem fil-UEFA Study Group bit-tema prinċipali tkun il-Grassroots Football.

Dan il-programm ippreżenta lill-parteċipanti b'attivitajiet tal-Grassroots li saru fl-Iskozja mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali permezz ta' sistma msejħa "Cash Back".

Huma ddawru wkoll mal-istabbilimenti taż-żewġ klabbs Skoċċiżi tal-Premier Division, Hibernians FC u Hearts of Midlothian FC. Fl-istess jum (filgħaxija) kienu preżenti, f'Easter Road, għal-logħba bejn l-istess timijiet fil-kwarti tal-finali tat-Tazza Skoċċiża.

Il-grupp Malti attenda wkoll għal sessjonijiet ta' teorija u prattika f'żewġ klabbs reġjonali Spartans FC u Broxburn Utd, kif ukoll għal żjara interessanti ħafna fis-St Augustine School of Sports.

Dan l iStudy Group kien jinkludi wkoll parteċipanti mill-Islanda u l-Faroe Islands. Id-delegazzjonijiet kollha għamlu preżentazzjonijiet power point dwar l-attivitajiet tal-Grassroots f'pajjiżhom u qasmu l-esperjenzi bejniethom.

Din kienet esperjenza oħra siewja ta' prattiċi tajbin biex isaħħu t-tagħlim fin-nurseries. Fr Hilary Tagliaferro, Chairman tal-YFA, ifforma parti mill-grupp ta' parteċipanti li ġejjin mis-setturi kollha tal-Grassroots Football.

F'Settembru li għadda, iċ-Ċentru Tekniku ha sehem fi Study Group dwar il-Football Elite fit-Turkija. Anki dakinhar, il-grupp kien magħmul minn Staff Coaches u Coaches varji li jaħdmu fin-nurseries lokali tal-futbol.

# Luca Pagani mistieden jagħmel preżentazzjoni f'seminar tal-UEFA




**LUCA PAGANI**, il-preparatur atletiku tat-tim nazzjonali Malti, kien mistieden f'seminar li organizzat il-UEFA f'Istanbul, it-Turkija, bl-isem ta' 'pilot fitness'.

Huwa għamel diskors u preżentazzjoni mill-aktar professjonali, tant, li kien imfaħħar u kkumplimentat minn bosta preparaturi atletiċi li jaħdmu mat-timijiet nazzjonali tal-Ewropa u li kienu preżenti fit-Turkija.

Pagani tkellem u ffoka l-aktar fuq is-suġġett tal-'Long Term Player Development'. Id-diskors ta' Pagani kien apprezzat minn dawk preżenti li kellu wkoll ħin twil ta' mistoqsijiet relatati mas-suġġett x'jirrispondi.

Għal dan is-seminar attendew diversi persuni magħrufa fid-dinja tal-futbol u wieħed mill-kelliema prinċipali kien Fatih Terim, il-kowċ Tork, li kien u għadu jmexxi diversi klabbs popolari fl-Ewropa.

Dan kien it-tieni 'pilot fitness' li organizzat il-UEFA għas-sena 2013. F'Marzu li għadda, kien organizzat l-ewwel seminar ta' dan it-tip f'Oslo, in-Norveġja.

Il-UEFA mistennija tagħmel tliet korsijiet ta' dan it-tip u t-tielet wieħed se jsir is-sena d-dieħla fejn id-dati u l-post eżatt għadhom iridu jiġu stabbiliti.

# Stephen Grima jagħmel preżentazzjoni dwar il-promozzjoni fit-tagħlim tal-futbol



## L-MFA bdiet kors ieħor nazzjonali ta' coaching fil-liċenzji Ċ & CYF

LEJN L-AHHAR TA' OTTUBRU, Iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA beda kors għall-liċenzja Nazzjonali Ċ li se jintemm, fil-5 ta' Jannar, tas-sena d-dieħla.

Dan il-kors jikkonsisti f'sitt formati li se jittrattaw l-aspetti ta' coaching għall-preparazzjoni ta' sezzjoni ta' plejers li jkunu Taħt il-15-il sena. Tmienja u għoxrin parteċipant, minn diversi nurseries, qed jieħdu sehem f'dan il-kors.

Minbarra dan il-kors, dan l-istaġun, iċ-Ċentru Tekniku diġà għamel tliet korsijiet ta' coaching fil-kategorija CYF li għalihom attendew 90 parteċipant.

Il-mira taċ-Ċentru Tekniku hija li jgħolli dejjem aktar il-livell ta' coaching fis-settur tal-Grassroots u dan biex jipprepara l-kowċis bl-aħjar mod possibli għal meta jaslu biex jagħmlu korsijiet ogħla bħal ma huma dawk fil-livell tal-UEFA A u tal-UEFA B. Intant il-UEFA Jira Panel approva talba mill-MFA biex tibda torganizza kors ġdid tal-UEFA, l-Elite Youth A Diploma, liema kors se jkompli jgħin fl-edukazzjoni tal-kowċis lokali.

**L-UFFIĊJAL EWLIENI** fid-Dipartiment tal-Coach Education tal-MFA, Stephen Grima, kien mistieden mill-UEFA biex jagħmel preżentazzjoni dwar il-promozzjoni ta' prattiċi tajbin fit-tagħlim tal-futbol. Madwar 200 parteċipanti mill-pajjiżi affiljati mal-UEFA attendew għal dan il-work shop li sar f'Budapest, l-Ungerija. Attendew ukoll rappreżentanti tal-FIFA u uffiċjali minn Konfederazzjonijiet oħra tal-futbol.

Is-Sur Grima tkellem dwar il-filosofija LTAD li meta tkun applikata fil-mument opportun tgħin lill-plejers jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom.

Kien argumentat, fir-rigward tat-tagħlim, li din il-filosofija hija aktar kwistjoni ta' ftehim, applikazzjoni u ta' għarfien fl-iżvilupp tal-plejers permezz tal-ħiliet u tal-attitudni min-naħa tal-kowċis u edukaturi oħra.Filwaqt li kien sostnut li l-aspetti kollha tal-logħba huma importanti matul istanzi differenti, inħasset il-ħtieġa li kull plejer dejjem irid ikun lest jieħu l-aħjar deċiżjonijiet malajr.

Il-plejers għandhom bżonn ikunu mgħallma kif joħorġu b'soluzzjonijiet u jkunu responsabbli għat-tagħlim tagħhom stess aktar milli jiġu ppreżentati b'soluzzjonijiet li jridu jirrepetu.

Bħala riżultat t-teoriji prinċipali ta' tagħlim kienu msemmija bħala l-linji gwida ta' kif isir il-coaching. Fost dawn issemmew prattiċi differenti u bosta temi oħrajn li jgħinu lill-coaches jipproduċu sessjonijiet ta' taħriġ aktar effettivi.

B'mod partikolari, intwera kif it-tagħlim ta' kull teorija, jitqiegħed fil-prattika u ngħataw xi eżempji ta' kif il-konsulenti jappoġġjaw lill-coaches fil-korsijiet ta' taħriġ u kif il-coaches iridu jikkrejaw il-prattiċi permezz tal-ħidma tal-grupp. Intwera wkoll kif ir-riżultati li jiksbu l-kowċis iservu ta' xprun ta' tagħlim sabiex ikunu jistgħu jgħinu lill-plejer iħoss li huwa konxju mit-tagħlim. Il-kowċis huma fil-bżonn li jemmnu fil-plejers u jgħallmuhom jitilgħu l-iskaluni bil-pass tagħhom, filwaqt li xorta waħda jistabbilixxu livelli għoljin għall-plejers tagħhom.

Matul dan il-workshop, l-ex kowċ ta' Manchester United, Sir Alex Ferguson kien intervistat minn Ioan Lupescu, il-Kap Uffiċjal Tekniku tal-UEFA. Ferguson qasam l-esperjenzi personali tiegħu wara tant snin jaħdem f'klabb glorjuż u saħaq li l-grassroots huma fundamentali fit-tagħlim tal-logħba tal-futbol.



© Joe Borg

# Id-Direttur tar-Refereeing tal-MFA jattendi kors tal-UEFA fl-Isvizzera

**ID-DIRETTUR TAR-REFEREEING**, Adrian D. Casha, f'Ottubru li għadda, ħa sehem fil-21 kors ta' introduzzjoni fiċ-Ċentru tar-Refereeing ta' Eċċellenza magħruf bħala CORE. Dan il-kors sar fil-kwartieri tal-UEFA f'Nyon, l-Isvizzera.

L-għan wara dawn it-tip ta' korsijiet hu dak li jipprepara l-ġenerazzjoni tal-futur ta' referees internazzjonali.

Adrian D. Casha diġà kien fdat josserva u jassisti grupp ta' referees mill-Bulgarija u Lussemburgu, matul is-sena li għaddiet.

Fil-kors ta' din is-sena, is-Sur Casha ħa ħsieb grupp ta' referees minn żewġ pajjiżi oħra, l-Irlanda u Moldova.






# Franco Cachia meqjus fost l-aħjar referees Ewropej tal-Futsal

**IR-REFEREE TAL-FIFA FID-DIXXIPLINA TAL FUTSAL**, Franco Cachia, ġie inkluż fil-lista ta' 31 referee internazzjonali għall-Euro 2014 li se jsir fil-Belġju, bejn it-28 ta' Jannar u t-8 ta' Frar, 2014.

Dan ix-xahar, Franco Cachia se jingħaqad mal-aqwa referees Ewropej tal-Futsal, f'Ghent, fil Belġju, għall kors ta' tlitt ijiem. Dan il-kors huwa wieħed intensiv biex jipprepara lill-uffiċjali għal dan l-avveniment kbir.

F'dan il-kors, ir-referees se jiġu pprovduti bl-aħħar struzzjonijiet tekniċi biex jgħinuhom jilħqu l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tal-Logħba.

Ir-referees parteċipanti rridu wkoll jgħaddu minn Fitness Test li se jsir taħt is-superviżjoni tal-membri tal-Kumitat tar-Referees tal-UEFA u r-rappreżentanti tagħhom.

Il-parteċipazzjoni ta' Franco Cachia hija riżultat ta' snin twal ta' impenn u dedikazzjoni lejn ir-refereeing u s-selezzjoni tiegħu fost l-aqwa referees internazzjonali tal-Futsal tixhed is-sagrifiċċji mwettqa tul il-karriera tiegħu. Barra minn hekk, dan huwa premju misthoqq għall-konsistenza tiegħu bħala referee tal-Ewwel Klassi kemm f'Malta kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Bis-suċċess li qed jikseb f'din id-dixxiplina, Franco Cachia qed jagħmel isem għalih, għall-MFA u fuq kollox għal pajjiżna.



# Ftehim ta' skambju ta' referees ma' Ċipru u l-Polonja

**L-MFA LAĦQET FTEHIM** biex referees internazzjonali Maltin imorru jirreffjaw partiti internazzjonali f'Ċipru u l-Polonja waqt li referees minn Ċipru u l-Polonja jiġu jikkontrollaw logħbiet f'Malta. Permezz tad-Dipartiment tar-Referees, l-MFA laħqet dan il-ftehim biex tkompli ittejjeb il-livell tar-referees tal-ogħla kategorija u internazzjonali.

Ir-referee internazzjonali Malti, Marco Borg, flimkien mal-FIFA Assistant Referees Edward Spiteri u Mitchell Scerri, ikkontrollaw il logħba internazzjonali ta' ħbiberija A bejn il-Polonja u s-Slovakkja li ntlagħbet fl-Istadium Muniċipali ta' Wroclaw, quddiem 42,771 spettatur. Il-Pollakk Marcin Borski kien ir-raba' uffiċjal f'din il-logħba.

Marcin Borski, mill-Polonja, kien ir-referre tal-logĐba internazzjonali ta' ħbiberija bejn Malta u l-Faroe Islands li ntlagħbet fl-istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru. L-assistanti referees kienu Rafal Rostkowski u Krzysztof Murmus. Ir-raba' uffiċjal kien Marco Borg.

Ftehim simili ntlahaq mal-FA ta' Ċipru u trio ta' referees Maltin, immexxija mir-referee internazzjonali Clayton Pisani, ikkontrollaw il-logħba internazzjonali ta' ħbiberija ta' Taħt il 21 sena bejn Ċipru u r-Repubblika Ċeka li ntlagħbet il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, f'Ċipru. L-assistenti kienu William Debattista u Paul Apap bir-raba' uffiċjal kien minn Ċipru stess.

Ir-referee Clayton Pisani kien magħżul ukoll mill-UEFA biex jikkontrolla logħba mill-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena li ntlagħbet fi Skopje, bejn il-Maċedonja u n-Norveġja, nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru. Hu kien megħjun mill-assistenti referees, Christopher Francalanza u Thomas Debono, bir-raba' uffiċjal ikun ir-referee Chris Lautier.


hamsik
17


FIFA




MFA SWIMMING POOL TA' QALI
SWIMMING
SCHOOL
MFA Advanced Swimming Sessions for Adults
Course Fee for
10 Sessions 60 Euro / 20 Sessions 100 Euro
Please contact us for more information
Reception Tel: 23 386440
Emails: swimmingpool@mfa.com.mt - catalin.stan@mfa.com.mt



# Malta tirreġistra l-ewwel rebħa fuq il-Faroe Islands

**F'PARTITA TA' ĦBIEBERIJA** li ntlagħbet fl-Istadium Nazzjonali, Malta għelbet lil Faroe Islands bl-iskor ta' 3-2 biex irreġistrat l-ewwel rebħa minn erba' konfronti diretti.

Permezz ta' din ir-rebħa, teżisti possibbiltà li Malta tavvanza fir-rankings mondjali tal-FIFA, hekk kif tinsab fil-140 pożizzjoni u b'hekk tevita Pot 6 fil-poloz tal-Fażi ta' Kwalifikazzjoni għall-Euro 2016.

Ir-rebħa dehret aċċertata matul l-ewwel taqsima hekk kif il-Maltin skorjaw tliet darbiet mingħajr risposta iżda fit-tieni taqsima ftit li xejn impressjonaw meta lanqas ħolqu azzjoni waħda perikoluża biex l-avversarji rnexxielhom jiskorjaw żewġ goals fl-aħħar 10 minuti tal-logħba.

Din il-partita ntlagħbet quddiem attendenza ferm miżera u għalkemm ipproduċiet ħames goals ftit li xejn offriet spettaklu lil dawk prezenti. Għal Malta, Ryan Fenech ħa post Gareth Sciberras li għadu qed jirkupra minn injury filwaqt li Rowen Muscat irtira mill-iskwadra fl-aħħar jumejn minħabba li kien għadu ma rkuprax mill-injury tiegħu.

Bejn il-lasti lagħab il-goalkeeper Andrew Hogg minflok Justin Haber, liema goalkeeper li qed jilgħab fil-Greċja ma' Kalloni FC, kien ilu ma jkun titolari mat-team nazzjonali minn Marzu, li għadda, fit-telfa ta' 6-0 kontra l-Bulgarija.

Il-Maltin ħarġu tajjeb u ma damux ma marru fil-vantaġġ hekk kif fis-17-il minuta RYAN FENECH ra x-xutt tiegħu minn barra l-kaxxa jintemm fir-rokna tax-xibka. U żewġ minuti biss wara, it-team immexxi minn Pietro Ghedin, irdoppja meta Ryan Fenech għadda lejn il-captain MICHAEL MIFSUD li għamel il-vjaġġ twil mill-Awstralja għal din il-logħba, li b'abbiltà liema bħalha dar ma' żewġ difensuri avversarji qabel għeleb lil Nielsen permezz ta' xutt lejn ir-rokna tax-xibka.

Fit-42 minuta, Malta għamluhom tlieta meta, minn azzjoni li bdiet minn corner, Andrè Schembri għadda tajjeb lejn Andrew Cohen, li kompla lejn id-difensur JONATHAN CARUANA li tefa' fix-xibka b'xutt mill-viċin biex b'hekk skorja t-tieni goal personali mat-team nazzjonali.

It-tieni taqsima ma tantx offriet emozzjonijiet u kienet nieqsa mill-azzjonijiet .... u li b'kollox saru biss żewġ azzjonijiet denji ta' nota .... fl-aħħar 10 minuti fejn

1. Il-Maltin jifirħu bil-goal ta' Jonathan Caruana kontra Faroe Islands
2. Taqtiegħa għall-ballun bejn Andrew Cohen (Malta) u Hallur Hansson (Faroe Islands)
3. André Schembri (Malta) attakkant minn Pol Justinussen (Faroe Islands)
4. Andrew Cohen (Malta) jirbaħ il-ballun kontra Jonas Tor Naes (Faroe Islands)
5. Il-formazzjoni inizjali ta' Malta - Wara - Andrew Hogg, Alex Muscat, Andrei Agius, Ryan Fenech, Jonathan Caruana, Clayton Failla - Quddiem - André Schembri, Andrew Cohen, John Mintoff, Roderick Briffa, Michael Mifsud
6. Il-formazzjoni inizjali ta' Malta - Wara - Erling Jacobsen, Pall Klettskaro, Gunnar Nielsen, Pol Justinussen, Daniel Udsen, Klaemint Olsen - Quddiem - Heini Vatnsdal, Hallur Hansson, Jonas Tor Naes, Christian Mouritsen, Rogvi Baldvinsson











stajna nassistu għal żewġ goals mill-Faroe Islands.

Kien fit-80 minuta, li huma skorjaw l-ewwel goal tagħhom permezz ta' xutt tajjeb minn gol-kaxxa ta' HALLUR HANSSON li ma ta l-ebda ċans lil Andrew Hogg isalva ... u seba' minuti biss wara huma rnexxielhom iżidu goal ieħor permezz ta' xutt minn madwar 25 metru bogħod tal-midfielder ROGVI BALDINSSON.

19.11.2013 - 19.00 hrs

**Malta** 3
R. Fenech 17, M. Mifsud 20, J. Caruana 41

**Faroe Islands** 2
H. Hansson 80, R. Baldinsson 87

**HT 3-0 National Stadium**

**Malta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Andrei Agius, Ryan Fenech, Clayton Failla, Roderick Briffa (Terence Vella 88), Micahel Mifsud, Andrew Cohen (Mark Scerri 81), André Schembri, John Mintoff, Alex Muscat
*Coach* – Pietro Ghedin

**Faroe Islands** – Gunnar Nielsen, Jonas Tor Naes, Rogvi Baldvinsson, Pol Johannus Justinussen, Erling Jacobsen, Christian R. Mouritsen (Sonni Ragnar Nattestad 46), Daniel Udsen (Rene Joensen 82), Hallur Hansson, Heini Vatnsdal, Pall A. Klettskaro, Klaemint A. Olsen (Solvi Vatnhamar 71)
*Coach* – Lars Olsen
**Referee** – Marcin Borski (Polonja)
**Assistenti** – Rafal Rostkowski, Krzysztof Myrmus (Polonja)
**Raba' Uff.** – Marco Borg (Malta)
**Ammoniti** – J. Caruana, R. Briffa (M)




1

# Żewġ telfiet kbar għal Malta



2

**AKTAR KMIEN DAN IX-XAHAR**, it-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena kien impenjat f'żewġ partiti ta' Grupp 7, mir-round ta' kwaifikazzjoni għall-Kampjonat Ewropew, 2014, fejn sofra żewġ telfiet kbar kontra l-Polonja, 5-1 u kontra l-Isvezja, 5-0, rispettivament.

Fl Istadium Nazzjonali, il-Maltin iffaċċjaw lill-Polonja b'bosta problemi ta' players imweġġgħin fosthom Bjorn Kristensen, Christian Grech u Jean Paul Farrugia.

Matul l-ewwel taqsima, il-Pollakki setgħu faċilment skorjaw erba' goals iżda daħlu jistrieħu f'vantaġġ ta' żewġ goals.

L-ewwel goal wasal, fit-28 minuta, meta minn corner ta' Zielinski, il-ballun ġie mtajjar minn difensur ta' Malta, li iżda, spiċċa fuq sieq ix-xellugija ta' ARKADIUSZ MILIK li skorja permezz ta' xutt b saħħtu.

Fil-35 minuta, il-Polonja resqu viċin li jerġgħu jiskorjaw meta daqqa ta' ras ta' Milik ġiet parzjalment milqugħa minn Cini u mir-rebound Golla ra t-tentattiv tiegħu jistampa mal-mimduda qabel ma ġie kklerjat minn difensur Malti.

ARKADIUSZ MILIK reġa' sab ix-xibka, fl-43 minuta, meta minn cross ta' Golla huwa skorja permezz ta' daqqa ta' ras mill-isbaħ. Minuti biss wara Cini salva tajjeb tentattiv mill-viċin ta' Zielinski.

Fil-55 minuta, il-Pollakki skorjaw it-tielet goal meta minn cross ta' Bereszyinsk, MICHAL CHRAPEK għola tajjeb fuq kulħadd u b'daqqa ta' ras għeleb lil Cini. U erba' minuti biss wara, il-Pollakki għamluhom erbgħa hekk kif wara taħwida fid-difiża Maltija, BARTOLOMEJ PAWLOWSKI rnexxielu jgħaddi l-ballun minn bejn saqajn Cini.

Fis-66 minuta, MICHAL Chrapek għadda lejn ARKADIUSZ MILIK, li minn ġol-kaxxa għeleb lil Cini. Fid-90 minuta, Malta rebħu penalty meta Bartosz Bereszyinsk waqqa' lil Zach Muscat fil-kaxxa u mill-11-il metru STEVE PISANI ma żbaljax biex skorja l-goal ta' konsolazzjoni għall-Maltin.

Fit-tieni logħba, f'Malmo, Malta sofriet telfa ta' 5-0 kontra Svezja, fejn il-player tal-logħba kien l-attakkant ta' Manchester City, JOHN GUIDETTI li skorja doppjetta.

Kienu huwa li fetaħ l-iskor, fil-11-il minuta, minn kanunata minn 20 metru bogħod biex,







1. Bartosz Bereszyzski (Polonja) attakkat minn Ryan Camenzuli u Sacha Borg (Malta)
2. Sacha Borg (Malta) jinnewtralizza lil Bartłomiej Pawlowski (Polonja)
3. Id-difiża Maltija taħt pressjoni kontra l-Polonja
4. Zach Muscat (Malta) jipprova jimblokka lil Pawel Wszolek (Polonja)
5. Bartłomiej Pawlowski (Polonja) jiddefendi l-ballun minn Ryan Scicluna (Malta)

fl-20 minuta, VICTOR CLAESSON, irdoppja minn first-timer f'nofs il-kaxxa l-kbira.

Imbagħad, fis-27 minuta, JOHN GUIDETTI kompla jżid l-iskor minn rebound wara li l-goalkeeper Malti, Jurgen Borg, laqa' parzjalment ix-xutt qawwi ta' BRANIMIR HRGOTA. Dan l-istess player daħħal lill-Isvediżi jistrieħu f'vantaġġ ta' erba' goals meta, fl-34 minuta, huwa kkonluda mill-pass ta' Simon Thern.

Fid-59 minuta, il-goalkeeper Malti, Jurgen Borg, wettaq is-save tal-partita meta laqa' x-xutt qawwi ta' Branimir Hrgota minn taħt il-lasta. Borg kompla jiddistingwi lilu nnifsu b'għadd ta' saves determinanti biex l-iskor ma jkomplix jiżdied, iżda ma seta' jagħmel xejn, fis-69 minuta, meta CHRISTOFFER NYMAN issiġilla r-rebħa għall-Isvediżi.

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Polonja | 7 | 5 | 0 | 2 | 16 | 7 | 15 |
| Turkija | 5 | 3 | 1 | 1 | 9 | 5 | 10 |
| Greċja | 5 | 3 | 0 | 2 | 15 | 5 | 9 |
| Svezja | 5 | 2 | 1 | 2 | 11 | 10 | 7 |
| Malta | 6 | 0 | 0 | 6 | 1 | 25 | 0 |

**15.11.2013 - 18.00 hrs**

**Malta 1**
S. Pisani 90 pen

**Polonja 5**
A. Milik 28, 43, 65, M. Chrapek 55, B. Pawlowski 69 (P), S. Pisani 90 pen (M)

**HT 0-4 National Stadium**

**Malta** – Yenz Cini, Matthew Tabone, Zach Muscat, Lydon Micallef (Godwin Mckay 56), Stephen Pisani, Sacha Borg, Clyde Borg, Brandon Muscat (Brooke Farrugia 69), Ryan Camenzuli (Jurgen Pisani 56), Ryan Scicluna, Daniel Zerafa
*Coach* – Ray Farrugia

**Polonja** – Jakub Szumski, Rafal Janicki, Daniel Dziwniel, Hojciech Golla, Michal Chrapek, Piotr Zielinski, Dominik Furman (Damian Dabrowski 75), Arkadiusz Milik (Piotr Parzyszek 69), Pavel Wszolek, Bartosz Bereszyinsk, Bartolomej Pawlowski (Mateusz Lewandowski 64)
*Coach* – Marcin Dorna

**Referee** – Jari Jaervinen (Finlandja)
**Assistenti** – Marko Hanninen, Jonas Turunen (Finlandja)
**Raba' Uff.** – Ville Nevalainen (Finlandja)
**Ammonit** – P. Zielinski (P)

**19.11.2013 - 18.00 hrs**

**Svezja 5**
J. Guidetti 11, 27, V. Claesson 20, B. Hrgota 34, C. Nyman 69

**Malta 0**

**HT 4-0 Malmo New Stadium - Malmo**

**Svezja** – August Stromberg, Mattias Johansson, Filip Helander, Sebastian Holmen, Emil Krafth, Viktor Claesson, Andreas Blomqvist, Simon Thern, Branimir Hrgota (Niklas Barkroth 81), John Guidetti (Simon Kroon 61), Christoffer Nyman
*Coach* – Hakan Ericson

**Malta** – Jurgen Borg, Christian Grech, Zach Muscat, Bjorn Kristensen, Stephen Pisani, Sacha Borg, Clyde Borg, Jurgen Pisani, Ryan Scicluna, Daniel Zerafa, Jean Paul Farrugia
*Coach* – Ray Farrugia

**Referee** – Georgi Vadachkoria (Georgia)
**Assistenti** – Giorgi Kruashvili, Irakli Ukleba (Georgia)
**Raba' Uff.** – Lasha Silagava (Georgia)
**Ammoniti** – B. Kristensen, Z. Muscat (M); E. Krafth, B. Hrgota (S)

# Jintlagħbu t-tieni u t-tielet rounds



Pembroke Athleta v Gzira United

**IT-TIENI ROUND**
**25.10.2013**

**Centenary Stadium**

**Birżebbuġa SP v Msida SJ..1-0**
*Felix Peplow (BSP)*

**Zejtun C. v Gudja U.........0-0**
*(Gudja U. 4-3 bil-penalties)*

**Luxol Stadium**

**Għargħur v Mellieħa.......1-4**
*Chris Abela 3, Matthew Borg (M); Keith Fedele (Għ)*

**Victor Tedesco Stadium**

**St. George's v Zabbar SP 4-3**
*Dylan Micallef, Thomas Caruana, Ayres Cerqueira Simao (ZSP); Jhonatan Bernardo Mariano 2, John Roland Emeka, Dylan Sammut (SG)*

**Zebbug R. v Dingli S.......3-0**
*Anderson Mendes Ribeiro, Mauricio Britto, Keith Vella (ZR)*

**26.10.2013**

**Charles Abela Stadium**

**Ta' Xbiex v Pembroke A. 0-6**
*Nicholas Schembri 2, Adrian Galea 2, Mark Borg, Carmelo Farrugia (PA)*

**Senglea A. v Kirkop U.....4-2**
*(wara l-ħin barrani)*
*Shawn Micallef 2 (SA); Marko Milutinovic, Trevor Thomas, Glenn Brincat, Rennie Tanti (KU)*

**Luxol Stadium**

**Lija A. v Xewkija T.........4-0**
*Kiril Aleksandrov, Andre Grabowski, Ryan Sell, Dejan Vukovic (LA)*

**Swieqi U. v Siggiewi.......2-5**
*(wara l-ħin barrani)*
*Matthew Fenech, Kenneth Ekezie (SU); Jopseh Mercieca, Jason Camilleri 2, Luke Cassar, Mark Deguara (S)*

**Sirens Stadium**

**Sirens v Marsa ..................1-0**
*Giovanni Galea (S)*

**Mgarr U. v St. Andrew's .0-3**
*Trayo Grozev, Emiliano Lattes, Clyde Cumbo (SA)*

**Gozo Stadium**

**Oratory Y. v Victoria H. ..0-3**
*Jason Pace, Warren Chircop 2 (VH)*

**27.10.2013**

**Centenary Stadium**

**Hamrun S. v Pietà H. ........0-1**
*Quilin Refalo (PH)*

**Zurrieq v Gzira U..............1-5**
*Martin Kotyza 2, Bjorn Bondin, Joseph JoJo Ogunuppe, Nicholas Abdilla o.g. (GU); Daniel Zammit (Z)*

**Luxol Stadium**

**Fgura U. v Mdina K. ........1-2**
*Abeeb Abioudun Williams (FU); Andrea Muscat, Mark Cremona (MK)*

**Marsaxlokk v San Gwann0-4**
*Peter Xuereb, Shaun Vella 2, Nicky Muscat (SG)*

**Sirens Stadium**

**Melita v Nadur Y..............3-0**
*Markko Hovi Kimmo 2, Mark Hyzler (M)*

**Marsaskala v SK Victoria W. 0-1**
*Joel Xuereb (SK)*

**Gozo Stadium**

**Kercem A. v Luqa SA ......2-1**
*Nikolai Slavtchev (LSA); John Camilleri, John Paul Mizzi (KA)*

**Xagħra U. v Mqabba........0-1**
*Clayton Micallef (M)*

**IT-TIELET ROUND**
**24.11.2013**

**Luxol Stadium**

**Pembroke A. v Gzira U. ..0-1**
*Martin Kotyza (GU)*

**St Andrew's v San Gwann ...2-1**
*Trayo Grozev, Emiliano Lattes (SA); Shawn Vella (SG)*

**Sirens Stadium**

**Siggiewi v St George's....0-6**
*Mendy Abdul Razak, Vilson Caushi, Jhonathan Bernardo Mariano 2, Jurgen Gerada, Olsen Giordano (SG)*

**Pietà H. v Mqabba............1-0**
*Raphael Alain Kooh Sohna (PH)*

**26.11.2013**

**Centenary Stadium**

**Naxxar L. v Gudja U. .......3-0**
*Daren Falzon, Gilmar da Silva Ribeiro 2 (NL)*

**Hibernians v Senglea A..6-1**
*Clayton Failla 2, Jean Paul Farrugia, Edison Luis Dos Santos, Jurgen Degabriele 2 (H); Augustine James Obaje (SA)*

**Sirens Stadium**

**Mdina K. v Kercem A......1-5**
*Emilio Cornago San Pedro (MK); John Camilleri 2, Ian Xuereb, Peter Khumyurdzhiev, Joseph Chetcuti (KA)*

**Sirens v Rabat A...............1-3**
*Giovanni Galea (S); Daniel Palaez 2, Diego Carrillo Pendas (RA)*

**Victor Tedesco Stadium**

**Birżebbuġa SP v Balzan..2-5**
*Andrew Scicluna, Erjon Beu, Paul Camilleri o.g., Ryan Darmanin 2 (B); Pierre Grima, Claudio Calleja (BSP)*

**Birkirkara v Vittoriosa S.4-1**
*Oscar Guerrero (VS); Ryan Scicluna, Terence Vella 2, Ryan Camenzuli (B)*

**27.11.2013**

**Centenary Stadium**

**Mellieħa v Tarxien R.......0-1**
*Fernando Lopes Alcantara (TR)*

**Sliema W. v Zebbug R.....3-1**
*Ratko Mandic (ZR); Trevor Cilia, Matias Muchardi, John Mintoff (SW)*

**Sirens Stadium**

**Floriana v Victoria H. ......4-1**
*Luca Casha 2, Giacomo Favero, Igor Coronado (F); Saturday Nanapere (VH)*

**Qormi v SK Victoria H....1-0**
*(wara l-ħin barrani)*
*Roderick Bajada (Q)*

**Victor Tedesco Stadium**

**Melita v Valletta...............1-3**
*Ryan Fenech, Lateef Elford-Alliyu 2 (V); Ivan Tufegdzic (M)*

**Lija A. v Mosta..................1-2**
*Gianmarco Piccioni 2 (M); Kiril Aleksandrov (LA)*


U*BET®
Maltco
LOTTERIES
LIVE THE GAME...
www.maltco.com | Helpline: 2388 3333
PLAY RESPONSIBLY 18+




## Round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2015

# 1 Bidu diffiċli għall-Maltin

**IT-TEAM NAZZJONALI TAN-NISA** kellu bidu diffiċli fir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja, 2015, liema fażi finali se tintlagħab fil-Kanada, matul ix-xahar ta' Lulju, meta sofra żewġ telfiet - 2-0 kontra l-Iżrael (f'Tel Aviv) u 5-0 kontra d-Danimarka (fis-Centenary Stadium).

Wieħed jista' jgħid li t-telfa kontra l-Iżrael kienet riżultat rispettabbli mit-team immexxi mill-coach, Pierre Brincat, meta wieħed iqis id-differenza tal-livell bejn iż-żewġ pajjiżi fejn il-football tan-Nisa f'dan ir-reġjun huwa ferm aktar avvanzat minn dak tagħna.

Matu l-ewwel taqsima, il-Maltin kienu organizzati tant tajjeb u dixxiplinati fid-difiża, li ż-żewġ timijiet daħlu jistrieħu fi draw ta' mingħajr goals.

Wara l-mistrieħ, l-avversarji mill-ewwel ħarġu fuq l-offensiva biex jiksbu l-goal tal-vantaġġ minħabba li matul l-ewwel taqsima dehru frustrati u nervużi.

Il-coach ta' Iżrael, Meir Nachmais, għamel bidla tattika fejn daħħal lill-midfielder offensiva, Karin Sendel, fil-post ta' Sarah Lynn Friedman. Din il-mossa mill-ewwel ħalliet il-frott mixtieq minħabba li, fil-51 minuta, l-Iżraeliti marru fil-vantaġġ b'xutt bid-dawra ta' Daniela Sofer, minn barra l-kaxxa, li ma ta l-ebda ċans lill-goalkeeper Maltija, Janice Xuereb, issalva.

Fis-60 minuta, Iżrael irdoppjaw minn freekick ineżistenti f'tarf il-kaxxa l-kbira, meta ma deherx li kien hemm kuntatt bejn id-difensura Maltija, Stephania Farrugia u l-attakkant Iżraelita, Karin Sendel. Minn dan il-freekick, Rachel Shelina, li kienet għadha kif tidħol bħala sostituta, immirat lejn ir-rokna tax-xibka.

It-tieni partita kienet aktar diffiċli meta tlifna bl-iskor ta' 5-0 kontra d-Danimarka, bl-avversarji jkunu fiżikament u teknikament superjuri. Dan minbarra li d-Daniżi huma meqjusa minn fost l-aqwa fl-Ewropa.

Huma ħadu kmand tal-logħba minn kmieni, tant, li damu biss sitt minuti biex fetħu l-iskor, bil-Maltin jiddefendu bi ħġarhom għal ħinijiet twal tul id-90 minuta u rari jersqu lejn il-lasta avversarja. Matul l-ewwel taqsima, il-logħba ntlagħbet prattikament fin-nofs tal-ground difiż mit-team Malti, waqt li wara l-mistrieħ, id-Daniżi naqqsu xi ftit mill-pressjoni tagħhom u ppermettew lill-Maltin jipprovaw joħolqu xi kontrattakki, li fihom però qatt ma kienu perikolużi għal-lasta difiża mill-goalkeeper Daniża, Cecile Sorensen.

L-eroj tal-avversarji kienet Nadia Nadim (25, 66) li minbarra li skorjat doppjetta (goal f'kull taqsima) kienet ta' theddida kontinwa għad-difiża Maltija. Id-Daniżi daħlu jistrieħu fil-vantaġġ ta' tliet goals biż-żewġ skorers l-oħrajn ikunu Sanne Nielsen (6) u Pernille Harder (33).

Imbagħad, erba' minuti mit-tmiem, is-sostituta Karoline Smidt Nielsen, issiġillat ir-rebħa għat-team tagħha.

Il-logħba li jmiss għall-Maltin hija kontra s-Serbja, f'darna, fit-13 ta' Frar, 2014.





KIF JINSABU - Grupp 3

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Svizzera | 3 | 3 | 0 | 0 | 12 | 0 | 9 |
| Iżrael | 3 | 2 | 0 | 0 | 5 | 1 | 6 |
| Danimarka | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 2 | 4 |
| Islanda | 2 | 1 | 0 | 1 | 2 | 3 | 3 |
| Serbja | 4 | 0 | 1 | 3 | 3 | 15 | 1 |
| Malta | 2 | 0 | 0 | 2 | 0 | 7 | 0 |





**1** **Id-difiża Maltija tikklerja f'attakk tad-Danimarka**

**2** **Il-formazzjoni inizjali ta' Malta kontra l-Iżrael - Wara - Ylenia Carabott, Stephania Farrugia, Rachel Cuschieri, Rebecca D'Agostino, Gabriella Zahra, Janice Xuereb - Quddiem - Dorianne Theuma, Nicole Buttigieg, Emma Xuereb, Charlene Zammit, Antoinette Sammut**

**3** **Nadia Nadim (Danimarka) issikkata minn Gabriella Zahra (Malta)**

**4** **Dorianne Theuma (Malta) tiddefendi l-ballun minn Line Jensen (Danimarka)**

**5** **Stephania Farrugia (Malta) tirbaħ sliding tackle fuq Pernille Harder (Danimarka)**

**27.10.2013 - 13.00 hrs**

## Iżrael 2
D. Sofer 51, R. Shelina 60 (T)

## Malta 0

**HT 0-0 Ramat Gan Stadium - Ramat Gan**

**Iżrael** – Merav Shamir, Michal Ravitz, Shay Sade, Daniela Sofer, Adva Tawil (Rachel Shelina 55), Lee Sima Falkon, Moran Fridman, Diana Redman, Sarah Lynn Friedman (Karin Sendel 46), Maya Barqui, Moran Lavi (Arava Shahaf 71)
*Coach* – Meir Nachmias

**Malta** – Janice Xuereb, Gabriella Zahra, Rebecca D'Agostino, Dorianne Theuma (Mandy Debono 76), Ylenia Carabott, Rachel Cuschieri, Nicole Buttigieg (Brenda Borg 51), Antoinette Sammut, Stephania Farrugia, Charlene Zammit, Emma Xuereb (Dionne Tonna 76)
*Coach* – Pierre Brincat

**Referee** – Hilal Tuba Tosun (Turkija)
**Assistenti** – Secim Demirel, Belgin Kumru (Turkija)
**Raba' Uff.** – Tzvia Malca (Iżrael)

**14.11.2013 - 14.00 hrs**

## Malta 0

## Danimarka 5
S. Nielsen 6, N. Nadim 25, 66, P. Harder 33, K. Nielsen 86

**HT 0-3 Centenary Stadium**

**Malta** – Janice Xuereb, Rebecca D'Agostino, Charlene Zammit, Stephania Farrugia, Gabriella Zahra (Rebecca Chircop 89), Kimberley Parnis, Antoinette Sammut, Rachel Cuschieri (Dionne Tonna 46), Ylenia Carabott, Dorianne Theuma, Nicole Buttigieg (Emma Xuereb 62)
*Coach* – Pierre Brincat

**Danimarka** – Cecile Sorensen, Roddik Line Hansen, Sigvardsen Line Jensen, Amth Janni Jensen, Ballisager Stine Pedersen (Karoline Smidt Nielsen 60), Sanne Troelsguard Nielsen (Annika Hansen 72), Theresa Nielsen, Nanna Christansen (Mie Leth Jansi 80), Pernille Harder, Nadia Nadim, Johanna Rasmussen
*Coach* – Nils Nielsen

**Referee** – Sofia Karagiorgi (Ċipru)
**Assistenti** – Angela Kyriakou, Niki Karagiorgi (Ċipru)
**Raba' Uff.** – Luke Portelli (Malta)
**Ammonita** – N. Nadim (D)



# Hibernians milħuqa minn Birkirkara

**META BEDA T-TIENI ROUND** tal-Ewwel Fażi tal-Kampjonat Premier, Birkirkara laħqu lil Hibernians fil-quċċata tal-klassifika wara li dawn tal-aħħar sofrew l-ewwel telfa tal-istaġun meta sfaw megħluba minn Tarxien Rainbows bl-iskor ta' 1-0 biex din kienet is-sitt rebħa Tarxiniża fuq il-Pawlisti, fl-istorja tal-football Malti.

Min-naħa ta' Birkirkara, anke jekk għadhom xi ftit 'il bogħod mill-forma solita tagħhom, xorta waħda għandhom il-potenzjal biex jikkonfermaw li huma minn fost l-aqwa timijiet ta' gżiritna meta fl-aħħar ħames logħbiet kisbu punti massimi u li fihom skorjaw 11-il goal u sofrew tlieta biss.

Anke Valletta, jidhru li qed jaqbdu r-ritmu meta mill-aħħar ħames partiti kisbu erba' rebħiet u draw ... bl-aħħar rebħa ta' 6-0 fuq Mosta tkun l-akbar waħda tal-istaġun.

Sliema Wanderers, saħħew ir-raba' post u baqgħu jżommu l-kuntatt mat-timijiet ta' fuq minkejja li matul dan l-aħħar xahar kellhom bosta problemi ta' players imweġġgħin, bl-aktar wieħed li nħass kien l-attakkant Niġerjan, Stanley Ohawuchi, li huwa l-aħjar skorer tagħhom, b'disa' goals.

Jidher li hemm ħames timijiet biex jimtlew iż-żewġ postijiet taċ-Championship Pool u din it-taqtiegħa mistennija li tkun bejn Mosta, Naxxar Lions, Floriana, Balzan FC u Tarxien Rainbows.

Wara li bdew b'nuqqas ta' sitt punti, Floriana issa għandhom 12-il punt u jekk jerġgħu jirrepetu r-riżultati tal-ewwel round allura jkunu f'pożizzjoni tajba li jaqtgħu l-biljett tagħhom għal din il-kategorija.

Mosta huma t-team enigma li, minkejja utilizzaw l-akbar numur ta' players barranin, il-prestazzjonijiet tagħhom huma mprevidibbli għall-aħħar u neqsin mill-konsistenza. Iżda minkejja dan, xorta waħda jinsabu fil-ħames post.

Naxxar Lions, Balzan FC u Tarxien Rainbows, għandhom elementi biżżejjed biex jekk ma jagħmluhiex mal-ewwel sitta, kapaċi li jevitaw ir-relegazzjoni.

Filwaqt li Qormi huma d-diżappunt, s'issa, tal-istaġun, Vittoriosa Stars u Rabat Ajax jinsabu fil-periklu li jistgħu jitilfu posthom mal-kbar.

Iżda ... fil-logħba tal-football kollox huwa possibbli!!!





Fl-aħħar ħames minuti, il-Maltin spiċċaw jilagħbu bi player inqas meta tkeċċa Dominic Busuttil. Għal dan il-għan il-Kroati mill-ewwel approfittaw meta Tonci Buzov irreġistra try iżda Nik Jurisic falla l-conversion biex l-iskor sar 26-13. Il-Kroat komplew bir-reazzjoni tagħhom iżda żewġ minuti mit-tmiem, kien James O'Brien li kkonverta penalty biex żied tliet punti oħra għall-Maltin.

Immedjatament wara, it-team immexxi mill-coach Damien O'Neill kompla jkabbar il-vantaġġ bil-ħames try tal-ġurnata meta Sam Borg xeħet lejn Toby Quarendon li kompla lejn Kirk li rnexxielu jikkonkludi.

Fl-aħħar mumenti tal-logħba, il-Kroati għamlu l-iskor aktar rispettabbli meta skorjaw try ieħor permezz ta' Luka Perlain li kien ikkonvertit minn Nik Jurisic.

Imma kienu l-Maltin li għalqu l-kontijiet meta James O'Brien irreġistra l-aħħar penalty għal skor finali ta' 37-20.

MALTA: R. Apsee, A. Kennedy, D. Holliday, C. Schranz, D. Deguara, S. Borg, D. Apsee 5, M. Davey, V. Stivala 5, J. Morris, O. Sacco, D. Busuttil 5, T. Quarendon, J. O'Brien 12, J. Kirk 10

KROAZJA: M. Borozan, I. Miljak, L. Monetarist, L. Jurcevic, D. Juievic, T. Gumancic, J. Lucic, T. Buzov 5, M. Bunic, N. Jurisic 3, F. Mimic, I. Suta, D. Oxenham, M. Grcic 5, L. Lerotic.

Referee: I. Gallestrgi (Spanja).



# Malta tegħleb lill-Kroazja b'wirja konvinċenti

**MALTA v KROAZJA ..... 37-20**







kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Tiftaħ l-Akkademja taż-Żwiemel

**IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI** għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, nieda l-Akkademja tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel, li fiha tfal ta' bejn is-6 u l-14-il sena se jkunu jistgħu jitħarrġu f'dan l-isport. Din l-akkademja qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Isport.

Waqt id-diskors tiegħu, Dr Buontempo qal li hu għandu fiduċja fil-kapaċitajiet tal-Marsa Racing Club li jistgħu jmexxu din l-Akkademja biex tkompli tikber u tiffjorixxi. Għalhekk, għall-ewwel darba din l-Akkademja sejra titmexxa bħala *public-private partnership* mill-klabb stess. Huwa qal li l-ħsieb tal-Gvern hu li Għaqdiet oħra jimxu fuq dan il-mudell ta' tmexxija.



L-istudenti li se jattendu t-taħriġ li se jsir f'din l-akkademja se jkollhom l-opportunità li juru l-ħiliet tagħhom waqt it-tiġrija tal-President's Cup li ssir, fit-13 ta' Diċembru. Dan qed isir biex dawk li jattendu jkollhom esperjenza reali ta' tiġrijiet taż-żwiemel.

Din l-Akkademja se tibda mis-Sibt 2 ta' Novembru ... sas-Sibt 31 ta' Mejju, u għal dan il-għan saret lecture room ġdida fil-Korsa taż-Żwiemel tal-Marsa biex l-istudenti li se jattendu f'din l-Akkademja jkollhom ambjent aħjar.

Is-Segretarju Parlamentari Buontempo ħabbar li din is-sena, fit-22 ta' Diċembru, se jsir il-Festival Ekwestru. Dan il-festival, li għal xi raġuni ma kienx sar fl-aħħar snin tal-amministrazzjoni preċedenti, għandu l-għan li f'ġurnata waħda, l-Għaqdiet kollha li joffru sport ekwestru f'Malta joffru spettaklu lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom iż-żwiemel. Dan il-festival se jiġi organizzat mill-Malta Racing Club, flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport.

Aktar informazzjoni dwar l-Akkademja u l-Festival Ekwestru tista' tinkiseb mill-Malta Racing Club il-Marsa.



**Dr Stephan Buontempo flimkien mal-president tal-Malta Racing Club, Matthew Brincat, tfal u għalliema tal-Akkademja tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel**

# Il-Gvern huwa kommess li l-isport Malti jkun nadif u ħieles minn kull abbuż




Dr Stefan Buontempo waqt id-diskors tiegħu waqt il-konferenza li saret kontra d-doping

**IL-GVERN HUWA KOMMESS** li l-isport Malti jkun nadif, ħieles minn kull abbuż. L-isport għandu verament ikun dak li jippromwovi l-valuri ta' Fair Play u l-valuri tal-kompetizzjoni. Dan qalu s-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, waqt li kien qed jindirizza t-tieni konferenza ta' kontra d-doping.

Is-Segretarju Parlamentari Buontempo qal li l-Gvern kien ċar mill-bidu nett li l-isport se jkun prijorità għal dan il-Gvern. Dr Buontempo kompla jgħid li s-sbuħija tal-isport toħroġ meta riżultati tajbin jinkisbu permezz tal-isforz tal-atleta u t-team tiegħu.

Huwa semma' r-riżultati allarmanti ta' 6% ta' każi li kienu pożittivi fit-testijiet li saru fejn ukoll ittieħdu passi dixxiplinarji. Dawn il-każijiet kienu minn dixxiplini varji, li jindika li d-doping huwa mifrux mal-isport kollu.

Is-Segretarju Parlamentari Buontempo sellem lil dawk l-atleti, li huma fil-maġġoranza tagħhom, li jemmnu fil-kapaċitajiet tagħhom u li jemmnu li bl-abbiltajiet tagħhom biss jistgħu jiksbu suċċess fl-isport. Dawn huma *role models* li l-isportivi għandhom mhux biss jinkoraġixxu imma wkoll li jippromwovu.

Dr Buontempo appella lill-Għaqdiet sportivi u lill-atleti biex iħarsu lejn din il-kummissjoni bħala partner tagħhom fl-isport, biex l-isport jinżamm nadif għall-ġid tal-komunità.

F'din il-konferenza tkellmet ukoll Dr Lucienne Attard, iċ-Chairperson tal-Kummissjoni Nazzjonali ta' Kontra d-Doping fejn spjegat ix-xogħol tal-kummissjoni f'dan il-qasam delikat.

Din il-konferenza ġiet organizzata permezz ta' fondi tal-UNESCO flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isport.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt




# Għajnuna mill-Gvern Ċentrali għall-proġett ta' San Ġwann FC

**IL-GVERN ĊENTRALI** se jagħti l-għajnuna tiegħu fi proġett ta' *premises* ġodda li se jintużaw għat-taħriġ taż-żgħażagħ fil-football, f'San Ġwann.

Il-proġett, li jinsab biswit il-ground tal-football, ikopri medda ta' madwar 750 metru kwadru fil-ground floor u l-ewwel sular kif ukoll madwar 350 metru kwadru fit-tieni sular.

Waqt konferenza tal-aħbarijiet, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, l-Onor. Leo Brincat qal li tul is-snin huwa dejjem emmen u wera l-appoġġ tiegħu lejn dan il-proġett.

Qal li sa minn sentejn ilu flimkien ma' oħrajn, ra l-ħtieġa li n-Nursery ta' San Ġwann FC ikollha post aħjar fejn tilqa' lill-membri tagħha.

Spjega li dan huwa proġett fejn il-Gvern ċentrali, is-settur privat u l-MFA se jkunu qed jagħtu lill-komunità Ġwanniża rigal li jixirqilha, proġett li jindirizza l-ħtiġijiet ta' komunità li dejjem qiegħda tikber.

Min-naħa tiegħu, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura l-Onor. Joe Mizzi, qal li l-Gvern dejjem lest li jagħti l-appoġġ tiegħu biex jara li pajjiżna jkollu dehra aħjar, kemm f'dak li huwa ambjent u anke f'dik li hija infrastruttura.

Huwa ħeġġeġ lil dawk li jaħdmu f'oqsma edukattivi u anke dawk sportivi biex ikomplu joffru d-dedikazzjoni tagħhom lejn tfal u żgħażagħ, iżda biex dan isir, ikun jixirqilhom ukoll ambjent li jkun attrezzat bil-faċilitajiet kollha li għandhom bżonn.

F'dan il-każ, irriżulta li kien hemm tender mogħti, ta' €18,000 għal xogħol ta' tħaffir. Minkejja li hekk kien miftiehem mal-amministrazzjoni preċedenti, irriżulta li ma kien hemm ebda vot ivvotat.

Madankollu, il-Gvern ra kif seta' jgħin xorta u issa se joffri l-għajnuna tiegħu permezz tal-ħaddiema tal-Gvern biex il-proġett isir xorta.

Tkellem ukoll is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, fejn qal li f'pajjiżna rridu nibdew inħarsu lejn l-isport mhux biss bħala kompetizzjoni imma bħala mezz biex ngħixu ħajja aħjar.

Għalhekk irridu ndaħħlu kultura li kulħadd jagħti attenzjoni lil saħħtu.

Huwa kompla jgħid li f'pajjiżna hawn mitt ground tal-football fost faċilitajiet oħra, u għalhekk irridu naraw li dawn il-faċilitajiet, li l-Gvern f'bosta minnhom ikun għadda l-art lill-Għaqda, jitgawdew mill-komunità.

Fil-każ ta' San Ġwann, il-Gvern għen billi għadda l-art, u se jkompli jinvesti fi proġett infrastrutturali.

Il-proġett kollu se jsir flimkien mal-MFA u s-settur privat.

Din il-koperazzjoni bejn dawk kollha konċernati għandha tkun il-prassi fl-isport fejn l-għan aħħari għandu jkun il-ġid tal-komunità.





# Parti minn investiment ta' €5 miljuni



**IL-KOMUNITÀ TAL-ISLA** u tal-ibliet tal-madwar se jkollhom ground ġdid li huwa parti minn €5 miljuni li l-Gvern qed jinvesti f'faċilitajiet sportivi tal-futbol.

Dan il-ground se jkun jista' jitgawda mir-residenti tal-Isla u tan-naħa t'isfel ta' Malta.

Ħabbar dan is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Dr. Stefan Buontempo, waqt li żar ix-xogħol li qed isir f'dan il-ground flimkien mad-diriġenti tal-Malta Football Association.

Is-Segretarju Parlamentari Buontempo qal li €5 miljuni jinkludi l-valur tal-art kif ukoll ix-xogħlijiet infrastrutturali, u se jinkludu grounds f'Birżebbuġa, Ħad-Dingli u Kerċem u kif ukoll il-ground tal-Isla f'Kordin.

Il-ground f'Kordin se jagħti opportunità lir-residenti tal-Isla biex ikunu jistgħu jipprattikaw l-isport favorit tagħhom.

Dan il-ground, li se jsir skond *standards* għoljin flimkien mal-Malta Football Association, mistenni jservi wkoll bħala l-ground reġjonali skond il-programm tal-MFA.

Dan se jwassal biex ir-residenti tan-naħa t'isfel ta' Malta jkollhom faċilità tal-football ta' livell internazzjonali.

Il-President tal-Malta Football Association, is-Sur Norman Darmanin Demajo, qal li l-MFA ser issegwi x-xogħlijiet li qed isiru biex jiġu assigurati l-aqwa livelli għal dawn il-faċilitajiet.

Dr Buontempo qal li l-Gvern ser ikompli jaħdem fuq programm li fasslet l-MFA biex flimkien issir il-manutenzjoni ta' 'l fuq minn 100 ground li hawn f'pajjiżna.

Ritratti: Dr. Stefan Buontempo u Dr. Norman Darmanin Demajo waqt li żaru ix-xogħol fil-ground ġdid li qed isir fl-Isla



# Neptunes W.P.S.C bi proġett iffinanzjat mill-Fond tal-Iżvilupp Reġjonali Ewropew

Malta-EU Steering & Action Committee

Il-Club ta' Neptunes W.P.S.C. jaf il-bidu tiegħu lura, fl-1929, meta s-Sur Alfred Gauci għaqqad team tal-waterpolo miż-żgħażagħ li kienu jiffrekwentaw il-bajja tal-Balluta. L-ewwel kwartieri ta' dan il-club kienet kamra tal-injam, u l-ewwel logħba kompetittiva kienet fit-Tieni Diviżjoni, fl-1931. L-ewwel unur uffiċjali ta' Neptunes wasal bir-rebħ tal-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni, fl-1932.

Minn dawk iż-żminijiet 'l hawn inbidlu ħafna affarijiet u l-club għamel progress kbir. Illum Neptunes mhux biss huma rikonoxxuti bħala wieħed mill-aqwa timijiet tal-waterpolo f'Malta, iżda l-club iħaddan skola tal-għawm u numru ta' dixxiplini sportivi oħra.

Maż-żmien inbidlu wkoll il-kwartieri u l-faċilitajiet ta' dan il-club. Minflok il-kamra tal-injam, Neptunes illum għandhom faċilitajiet moderni li jinkludu pixxina tal-ilma ħelu, ċentru tat-taħriġ fiżiku u faċilitajiet anċillari oħra. Il-pixxina f'dan il-kumpless kienet tiġi msaħħna matul ix-xitwa iżda dan ma setax jibqa' jsir minħabba l-ispejjeż involuti.

Fl-isfond ta' dan ix-xenarju, il-club ta' Neptunes iddeċieda li japplika għall-fondi tal-Unjoni Ewropea (UE) sabiex iwettaq proġett marbut ma' użu aktar effiċjenti tal-enerġija u li jgħin biex il-pixxina terġa' tibda tissaħħan. B'hekk il-faċilitajiet ikunu jistgħu jintużaw tul is-sena kollha u l-club ikun qed jaqdi aħjar il-missjoni sportiva u soċjali tiegħu.

Bl-għajnuna tal-MEUSAC, Neptunes ħadu fondi mill-Fond tal-Iżvilupp Reġjonali Ewropew biex bħalissa qed iwettqu l-proġett *Neptunes Renewable Energy Project*. Il-proġett jinkludi l-istallazzjoni ta' sistema ta' panelli fotovoltajċi flimkien ma' sistema Combined Heat and Power (CHP). Dawn is-sistemi flimkien jiġġeneraw l-elettriku u l-enerġija biex jissaħħan l-ilma tal-pixxina.

Il-proġett, li se jkun qed inaqqas l-ispiża marbuta mal-użu tal-enerġija mill-club ta' Neptunes, se jgħin biex jintlaħqu l-miri tad-Direttiva 2006/32 tal-Kummissjoni Ewropea u

minn Mark Mizzi - Principal Information Officer (EU Funding)










għaż-żieda fil-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, filwaqt li se jkun qed jikkontribwixxi biex il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan jilħaq il-mira ta' tnaqqis ta' 10% fl-emissjonijiet CO2 sal-2020 kif ġie dikjarat fl-inizjattiva tal-UE magħrufa bħala l-Patt tas-Sindki.

B'kollox huwa ppjanat li s-sistema ta' pannelli fotovoltajċi se tagħmel tajjeb għal 10% tal-konsum annwali tal-elettriku fil-kumpless ta' Neptunes, filwaqt li l-pannelli u s-sistema CHP flimkien se jagħmlu tajjeb għal 68% tal-konsum annwali u 54% tal-konsum neċessarju biex il-pixxina tinżamm f'temperatura ta' 26 grad ċentigrad matul ix-xitwa.

Mil-lat sportiv, in-Neptunes Renewable Energy Project se joffri faċilità oħra għall-isport tal-ilma fix-xitwa. Sa issa hija biss il-pixxina nazzjonali f'Tal Qroqq li għandha l-ilma msaħħan u dan qed iwassal biex matul ix-xhur tax-xitwa l-clubs tal-waterpolo f'Malta qed ikollhom jitħarrġu f'pixxina waħda.

Meta ma' dan wieħed iżid it-taħriġ ta' dixxiplini oħra u l-użu mill-pubbliku, il-problema ssir waħda akuta. Il-pixxina ta' Neptunes se tkun qed toffri alternattiva ideali kemm minħabba l-livell u l-faċilitajiet anċillari tagħha, u kif ukoll minħabba li tinsab f'lokalità ċentrali.

Għaldaqstant, meta jitlesta dan il-proġett Malta se jkollha t-tieni faċilità ta' dan it-tip u hekk ikun hemm aktar opportunitajiet biex sport li f'pajjiżna għandu potenzjal qawwi jiġi prattikat tul is-sena kollha. Dan huwa investiment li jaqbel ma' dak li qalet il-Kummissarju Ewropew, responsabbli mill-Edukazzjoni, il-Kultura, il-Multilingwiżmu u ż-Żgħażagħ, Androulla Vassiliou, li temmen li l-investiment, "fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-isport huwa l-aqwa investiment li nistgħu nagħmlu għall-futur tal-Ewropa."

Għal aktar informazzjoni u għajnuna dwar fondi tal-UE wieħed jista' jikkuntattja lill-MEUSAC fuq 2200 3300 jew funding.meusac@gov.mt



Dr Stefan Buontempo waqt id-diskors tiegħu waqt il-konferenza dwar l-Iskema Għajnuna Sportiv Għawdxi



# Titwettaq il-wegħda elettorali ta' għajnuna lill-isportivi Għawdxin

**IL-GVERN WETTAQ WEGĦDA** ohra mill-manifest elettorali wara li ġiet imnedija l-Iskema Għajnuna Sportiv Għawdxi li hija skema ta' assistenza fejn il-clubs Għawdxin se jirċievu għajnuna finanzjarja biex ikopru parti mill-ispejjeż tal-ivjaġġar meta jkollhom jiġu Malta biex jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet sportivi. Mal-250 sportiv Għawdxi se jibbenefikaw minn din l-iskema.

L-Iskema tħabbret waqt konferenza stampa li saret fil-Gozo Stadium mis-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Dr Stefan Buontempo, fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex Dr Anton Refalo, flimkien mar-rappreżentanti tal-clubs.

Is-Segretarju Parlamentari Buontempo qal li din il-wegħda qed taħseb li tnaqqas l-ispejjeż li l-Għawdxin ikollhom iħallsu biex jikkompetu f'attivitajiet sportivi f'Malta. Apparti l-football u l-waterpolo hemm dixxiplini oħra bħal rugby, softball, atletika u oħrajn.

Dan biex l-ebda sportiv Għawdxi ma jħossu eskluż u li ma jistax jikkompeti f'kompetizzjonijiet f'Malta minħabba spejjeż finanzjarji żejda.

Dr Buontempo qal ukoll li mis-sena d-dieħla din l-iskema se tiġi estiża għal individwi Għawdxin li jipprattikaw sport individwali f'Malta u permezz ta' din l-iskema nkunu qed nagħtu aktar opportunitajiet biex l-Għawdxin jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet li jsiru Malta. Is-Segretarju Parlamentari Buontempo kompla jgħid li l-Gvern Malti qed jipprepara skemi oħra li se jkunu wkoll ta' benefiċċju għall-atleti Għawdxin.

Is-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo u l-Ministru Anton Refalo qassmu l-assistenza finanzjarja lil diversi clubs sportivi li kkompetew f'attivitajiet sportivi f'Malta bejn Jannar sa Ġunju 2013.

Aktar informazzjoni dwar din l-iskema tista' tinkiseb mill-Kunsill Malti għall-Isport fuq 2203600 jew minn fuq is-sit www.sportmalta.org.mt



Il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo, jippreżenta għajnuna finanzjarja lil wieħed mir-rappreżentati tal-clubs



Il-Ministru għal Għawdex, Anton Refalo, jippreżenta għajnuna finanzjarja lill-president tal-GFA Alvin Grech

A NEW, INNOVATIVE PRODUCT!



# PET INSURANCE

Because they matter, too.

Covering Veterinary Expenses, Accident, Sickness, Death, Theft, Legal Expenses and Liability.

Call now: 2124 0828 | pets@laferla.com.mt | Find us on: facebook

LAFERLA INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for: MIDDLESEA

A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

COM NO 130613 759

Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.

Tel: 2124 0828 Fax: 2124 6704 www.laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority.

Dr Kirill Micallef Stafrace

# The font of the matter



**FOR THE NEXT INTERVIEW** amongst health professionals that work in sport I spoke to Tiziana Mifsud, a podiatrist who is currently reading for a Masters in the UK and researching on the management of sporting injuries. As a podiatrist her job chiefly consists of the prevention, diagnosis , treatment and rehabilitation of foot and lower limb problems ranging from soft tissue and muscular problems, bone and joint issues, skin, nerve and circulatory diseases.

With the increased awareness in the benefits of regular exercise, one must make sure that the feet are capable of taking the associated stress and a visit to a podiatrist might identify any issues that could hamper exercising in the future. For those who already train regularly a podiatrist helps in the prevention of injuries and in their treatment when they unfortunately occur. This is best achieved within a multidisciplinary team that includes, amongst others, the sports medicine specialist doctor, physiotherapist, coach and most importantly the athlete him/herself. This enables the athlete to benefit from multiple specialisations and in so doing, gaining the ability to return to form in the shortest and safest possible time

The most common problems associated with sports patients that are seen by a podiatrist are plantar fasciitis( sole pain), muscle strains and ligament sprains, Achilles tendon issues, shin splints and runner's or jumper's knee. All require not only an accurate diagnosis but in the long term it is very important to find any underlying cause, be it training related or a physical cause.

Podiatrists often have to analyse the gait of the athletes being examined which means they study how the human body moves from one place to another and this is carried out either by a visual assessment or computerised means or a combination of both. The main aim of gait analysis is to evaluate the possible causes of foot and lower limb problems and occasionally even back related pain. These can be due to various biomechanical misalignments and therefore if identified can be treated specifically, such as with orthotics( custom insoles). At this point one must stress that prior to any gait analysis the podiatrist would thoroughly examine the athlete to determine if there are any structural or alignment problems within the lower limb. This is followed by a range of motion assessment of the joints and determination of specific muscle strengths. This will allow the podiatrist to ascertain whether the patient's body is working efficiently. The gait analysis then supplements this information and when required a more detailed running gait analysis can be undertaken.

A vital aspect of the role of any health professional that works with athletes is the detailed understanding of what stresses the lower limb undergoes in specific sports. This is even more evident in podiatry when one considers the stresses the foot is subjected to and the significant differences between different disciplines such as dancing, cycling and running.

**Dr. Micallef Stafrace is a sports and exercise medicine consultant and senior lecturer is sports science**

*sportmedicinedoc@gmail.com*

JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

 minn Joe Bajada

## Football - Knock-Out tat-Tieni Diviżjoni

# Għajnsielem iżommu t-Tazza għandhom



Il-president tal-GFA, Alvin Grech, jippreżenta t-Tazza lill-captain ta' Għajnsielem, Joseph Attard

**B'GOAL FIL-ĦIN** mogħti żejjed, Għajnsielem iddefendew b'suċċess il-kompetizzjoni tan-Knock-Out mirbuħa minnhom għall-ewwel darba l-istaġun l-ieħor biex b'hekk ukoll rebħu dan l-ewwel unur staġjonali tat-Tieni Diviżjoni. Suċċess li wkoll jiggarantilhom li huma wkoll jilagħbu fil-finali tas-Super Cup għall-istess kategorija fl-aħħar tal-istaġun.

Wara bidu tajjeb min-naħa tagħhom, fejn anke daħlu jistrieħu fil-vantaġġ, huma sofrew ir-rimonta tal-avversarji fejn mhux biss intlaħqu, iżda kienu wkoll fortunati li ma sabux ruħhom minn taħt.

Protagonista għall-Blacks kien l-attakkant Charlon Tabone, l-awtur taż-żewġ goals tagħhom. Min-naħa l-oħra, kien ovvju d-diżappunt tal-Qalin li spiċċaw ma rebħux dan l-unur f'partita li huma taw daqs kemm qalgħu, iżda spiċċaw fuq in-naħa tel-liefa. Fuq kollox kienet finali kumbattuta bir-rebħa setgħet marret fuq kull naħa.

Għajnsielem ħarġu iktar aggressivi, bil-logħob isir iktar bilanċjat sakemm, fit-33 minuta, il-Blacks fetħu l-iskor b'azzjoni elaborata meta Sakic, li reġa' rritorna fit-team, kompla lejn Kenny Hili u mill-cross tiegħu d-daqqa ta' ras ta' Charlon Tabone ħabtet ma' ras id-difensur sostitut ta' Qala, Charlon Mifsud, bil-ballun jispiċċa ġewwa.

It-tieni taqsima kienet iktar interessanti u movimentata fejn wara erba' minuti Qala marru viċin id-draw meta xutt, minn barra l-kaxxa, ta' Kyril Dyakov kien salvat parzjalment minn Sammut bil-ballun jasal għand Christov Caruana li ra x-xutt angulat mill-viċin salvat mill-istess Sammut b'saqajh bil-periklu mbagħad ikun ikklerjat mid-difiża.

Żewġ minuti wara, fuq in-naħa l-oħra, Attard kompla lejn Kenny Hili li kellu l-konklużjoni tiegħu salvata għal corner. Għajnsielem komplew jinsistu u, fit-13-il minuta, minn pass ta' Tabone, Kenny Hili nkredibbilment xeħet għoli minn taħt il-lasta. Tliet minuti wara minn cross ta' Tabone, l-istess Hili bir-ras għolla l-mira mill-viċin. Imbagħad fl-20 minuta Attard kompla lejn Tabone li daħal fil-kaxxa, bil-konklużjoni tiegħu tkun salvata minn Grima f'żewġ attentati.

Sekondi wara, l-istess goalkeeper tas-Saints salva b'diffikultà għal corner xutt minn barra l-kaxxa ta' Damon Hili. Ta' dawn iċ-ċansijiet mitlufa, Għajnsielem kienu ikkastigati għax fl-24 minuta ġew milħuqa mill-avversarji meta Marlon Mamo, żmarkat minn Dyakov, kompla javvanza u b'xutt fil-baxx xeħet fir-rokna. Fit-28 minuta, Qala kienu sfortunati li ma marrux minn fuq meta minn suġġeriment ta' Mamo, Christov Caruana ra x-xutt tiegħu jispiċċa mal-lasta. Sekondi wara f'iktar insistenza tal-Qalin, Sammut ħareġ jimblokka minn saqajn Frank Attard li kien daħal waħdu fil-kaxxa.

Man-nofs siegħa logħob minn azzjoni ta' freekick ta' Dyakov, Mamo xxuttja ftit barra. Għajnsielem wieġbu, fit-33 minuta, meta minn pass ta' Kenny Hili lejn Attard fejn dan kien antiċipat b'ħarġa tajba minn Grima. Meta kollox deher li l-logħba kienet dieħla għall-ħin barrani, il-Blacks kisbu l-goal tar-rebħa meta minn freekick ta' Damon Hili, Charlon Tabone għola tajjeb u b'daqqa ta' ras xeħet ġewwa biex b'hekk huma żammew it-Tazza għandhom.

Wara l-finali, il President tal-GFA Alvin Grech, assistit mis-Segretarju Ġenerali Joe Bajada, ippreżenta t-Tazza lill-captain Joseph Attard kif ukoll midalji lill-plejers ta' Għajnsielem fost is-sodisfazzjon tal-partitarji tagħhom.



Players, dirigenti u partitarji ta' Għajnsielem wara s-suċċess tagħhom fin-Knock-Out tat-Tieni Diviżjoni

## Waterpolo

# Staġun pożittiv għall-Otters Nivea ASC



**Otters ASC: Wara mix-xellug: Enzo Dimech (president), Paul Saliba (assistant coach), Patrick Sciberras, Ionut Necsulescu, Andrei Edward (player/coach), Ivan Vuksanovic, George Attard, Karl Scicluna, Duncan Schembri, Keith Grima Scott, Paul Dimech (assistant coach). Quddiem: George Louis Zammit (captain), Malcolm Dimech, Andrew Cachia, Christophe Martin, Steve Dimech, Nicky Grixti**

**FL-ISTAĠUN LI GĦADU KIF INTEMM** tal-waterpolo, il-club Għawdxi tal-Otters Nivea ASC, spiċċa b'wieħed mill-aħjar staġuni kemm ilu jikkompeti f'Malta. It-team għamel it-taħriġ tal-pre-season taħt l-espert Alfred Cachia u mbagħad matul il-Kampjonat, it-team kien immexxi mill-player coach Rumen Andrei Edward.

Otters spiċċaw fit-tielet post tal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni bi 18-il punt fejn kisbu ħames rebħiet, tliet draws u erba' telfiet. Huma skorjaw 122 goal, filwaqt li sofrew 138. Ir-riżultati tagħhom kienu dawn: vs Ta' Xbiex Amigos 6-6, 13-12 u 15-13; vs Valletta United 11-17, 3-11 u 4-15; Marsalcala More 10-13, 12-11 u 13-13; M'Xlokk ASC 11-9, 10-10 u 14-8. Il-goals tagħhom kienu skurjati mis-Serb Ivan Vuksanovic 42, Andrei Edward 16, Ionut Necsulescu 14, Keith Grima Scott 12, Karl Scicluna 8, Martin Christophe 8, Duncan Schembri 7, Cristian Kalin 6, Steve Dimech 5, George Louis Zammit 2 u George Attard 2.

Fin-Knock-Out tal-Ewwel Diviżjoni, Otters Nivea ASC kienu eliminati fir-Rawnd Preliminari 11-18 minn Ta' Xbiex Amigos. Il-goals tal-Għawdxin kienu skorjati minn Ivan Vuksanovic 4, Ionut Necsulescu 3, Karl Scicluna 3 u Keith Grima Scott 1.

Il-players kollha li matul l-istaġun kienu għad-dispożizzjoni tal-logħob tagħhom kienu Nicholas Grixti, George Attard, George Louis Zammit (captain), Andrei Edward, Steve Dimech, Ionut Necsulescu, Karl Scicluna, Duncan Schembri, Alex Borg, Andrew Cachia, Christophe Martin, Jonathan Young, Keith Grima Scott, Andre Azzopardi, Malcolm Dimech, Patrick Sciberras, Edward Farrugia, Gabriel Tabone, Ivan Vuksanovic, Stefan Xerri u Cristian Kalin.

Mandankollu fid-dawl ta' dan l-istaġun pożittiv, Otters jemmnu bis-sħiħ li biex din il-logħba u anke l-Għawn ikunu jistgħu jibqgħu jiġu pprattikati f'Għawdex, hemm il-ħtieġa urġenti li tinbena pixxina fil-gżira Għawdxija wkoll. Otters, bir-raġun jilmentaw f'dan ir-rigward meta huma l-uniku club Għawdxi li jippromwovi l-għawm u l-waterpolo fil-gżira tat-Tliet Għoljiet. Minkejja l-progress li sar għal titjib fil-faċilitajiet sportivi, Otters għadhom fis-sajf jitħarrġu fl-ilma baħar bil-konsegwenzi kollha tan-natura.

Otters jafu l-bidu tagħhom fl-1971 meta f'Għawdex kien ikun organizzat kampjonat u kompetizzjonijiet oħra tal-waterpolo. Dan għax kien hemm diversi timijiet Għawdxin tal-waterpolo. Iżda fis-snin tat-tmeninijiet f'Għawdex kien fadal żewġ timijiet biss. Kien fl-1982 li Otters iddeċidew li jibdew jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet nazzjonali organizzati mill-ASA u minn dak in-nhar ma ħarsux lura u sena wara l-oħra baqgħu jikkompetu mal-Assoċjazzjoni Nazzjonali.

Il-waterpolo f'Għawdex huwa meqjus bħala sport sajfi u għalhekk jiġi pprattikat ħafna mill-istudenti li jkollhom ħafna ħin liberu f'dak iż-żmien tas-sena. F'dan il-perjodu, Otters jorganizzaw klassijiet tal-għawn u l-waterpolo fil-pitch li għandhom miftuħ għal kull elementi fil-bajja ta' Marsalforn. Dan qed jagħmluh biex iħarsu 'l quddiem b'garanzija li dan l-isport ikompli jkun ipprattikat f'Għawdex. Madankollu huma kontinwament jiffaċċjaw il-problemi naturali li m'għandhomx kontroll fuqhom.

Għal din l-iskola attendew madwar 100 tifel u tifla, bil-lezzjonijiet isiru kull nhar ta' Tlieta u Ħamis matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu fil-pitch tagħhom stess, f'Marsalforn, bħala parti mill-Programm 'Summer on the Move' tal-Kunsill Malti għall-iSport. L-iskola kienet immexxija mill-coach Alfred Cachia assistit minn Maria Buttigeg, Angelle Grima, Maria Angela Caruana, Daniela Sacco, Mark Vella u George Louis Zammit.

Dan l-aħħar, Otters qed jappellaw permezz tal-Facebook biex tkun iffirmata petizzjoni biex f'Għawdex tinbena pixxina tal-ilma ħelu li tkun tista' tintuża s-sena kollha. Huma qed jinsistu għall-fatt li jekk tinbena pixxina f'Għawdex, din tkun tista' tintuża mill-pubbliku kollu iżda mill-bqija l-pixxina tipprovdi wkoll lill-club tal-Otters l-istess opportunitajiet li għandhom il-clubs oħrajn f'Malta. Huma jemmnu bis-sħiħ ukoll li f'Għawdex għandu jkun hemm l-istess faċilitajiet bħalma hemm f'Malta f'kull settur inkluż dak sportiv.

# Jingħata bidu għal bosta kompetizzjonijiet

**MATUL DAN IX-XAHAR** ingħata bidu għal kompetizzjonijiet oħra tal-basketball fosthom is-St. James Hospital Shield, fit-tliet kategoriji - l-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel u dak tan-Nisa ġew maqsuma f'żewġ gruppi filwaqt li it-Tieni Diviżjoni tal-Irġiel, din il-kompetizzjoni qed tintlagħab fuq sistema eliminatroja sal-finali.

Fl-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel, AtoZ Electronics Athleta u Floriana Royce waslu għal finali oħra bejniethom meta eliminaw lil Bupa Luxol u Starlites rispettivament.

Fit-Tieni Diviżjoni tal-Irġiel, dan l-unur ġie mirbuħ minn St. Nicholas Suns, meta fil-finali għelbu, fl-aħħar sekonda, lil Mellieħa Tritones, biex wara li kienu finalisti fis-sentejn preċedenti, irnexxielhom jirbħu dan l-unur għall-ewwel darba.

Fis-sezzjoni tan-Nisa, Pavi Depiro u Honey Athleta kisbu post fil-finali wara li rebħu kontra Starlites Sports Experience u Caffe Moak Luxol, li kienu l-holders.

Wara, kien imiss il-bidu tat-tliet Kampjonati minbarra li ntlagħbu wkoll l-ewwel partiti kemm mill-BOV KO Irġiel tal-Ewwel Diviżjoni kif ukoll mis-St. James Hospital KO tan-Nisa.

**St. James Hospital Shield**
**I Diviżjoni Irġiel - Grupp A**

AtoZ Electronics Athleta ........74
Starlites ................................52
(18-13, 20-12, 21-8, 15-19)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, L. Camilleri

Starlites ................................61
Remax Citadel Siggiewi ..........56
(17-12, 14-22, 10-12, 20-10)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, C. Terribile

Remax Citadel Siggiewi...........44
AtoZ Electronics Athleta.........73
(11-24, 8-11, 11-20, 14-18)
Referis: E. Mangani, S. Gouder, L. Camilleri

**Klassifika Grupp A**

| | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AtoZ Elec. A. | 2 | 2 | 0 | 147 | 96 | 4 |
| Starlites | 2 | 1 | 1 | 113 | 130 | 3 |
| Citadel Siggiewi | 2 | 0 | 2 | 100 | 134 | 2 |

**Grupp B**

Floriana Royce ......................66
Pavi Depiro ..........................53
(16-7, 13-20, 18-12, 19-14)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, S. Gouder

Pavi Depiro ..........................59
Bupa Luxol............................71
(10-17, 19-11, 18-24, 12-19)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, L. Camilleri

Bupa Luxol............................75
Floriana Royce ......................76
(17-20, 19-22, 10-19, 29-15)

**Klassifika Grupp B**

| | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana Royce | 2 | 2 | 0 | 142 | 130 | 4 |
| Bupa Luxol | 2 | 1 | 1 | 146 | 135 | 3 |
| Pavi Depiro | 2 | 0 | 2 | 114 | 137 | 2 |

**Semi Finali**

AtoZ Electronics Athleta .........80
Bupa Luxol.............................51
(20-10, 13-8, 24-13, 23-20)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, S. Micallef

Floriana Royce .......................79
Starlites ................................58
(18-15, 27-12, 15-16, 19-15)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, S. Gouder

**II Diviżjoni Irġiel**

Miscela D'Oro Mtarfa............82
Hibernians ............................70
(21-8, 19-26, 21-9, 21-27)
Referis: E. Mangani, S. Gouder

Mellieħa Tritones...................47
St. Nicholas Suns ...................39
(11-18, 9-4, 9-9, 18-8)
Referis: B. Vassallo, L. Camilleri

Phoenix Le Vin .......................66
Miscela D'Oro Mtarfa............55
(16-16, 19-11, 19-13, 12-15)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

Hibernians ............................64
St. Nicholas Suns ...................69
(11-19, 21-18, 7-16, 25-16)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani

Mellieħa Tritones...................44
Phoenix Zmerc Loyola ...........37
(13-6, 14-14, 11-11, 6-6)
Referis: L. Camilleri, B. Sly

St. Nicholas Suns ...................63
Miscela D'Oro .......................50
(15-21, 13-10, 13-12, 22-7)
Referis: E. Mangani, S. Gouder

Phoenix Le Vin Loyola...........52
St. Nicholas Suns ...................55
(7-20, 20-12, 7-14, 18-9)
Referis: E. Mangani, T. Helenius

**Finali**

Mellieħa Tritones...................49
St. Nicholas Suns ..................51
(13-7, 10-16, 11-16, 15-12)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Nisa - Grupp A**

Pavi Depiro ..........................74
Phoenix Petrus Loyola.............23
(20-2, 20-2, 20-6, 14-13)
Referis: B. Vassallo, S. Micallef

Honey Athleta........................56
Pavi Depiro............................57
(17-16, 11-7, 16-18, 12-16)
Referis: B. Vassallo, C. Terribile

Phoenix Petrus Loyola.............24
Honey Athleta........................76
(7-17, 5-15, 7-16, 5-28)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Klassifika Grupp A**

| | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Pavi Depiro | 2 | 2 | 0 | 131 | 79 | 4 |
| Honey Athleta | 2 | 1 | 1 | 132 | 81 | 3 |
| Phoenix P. Loyola | 2 | 0 | 2 | 47 | 150 | 2 |

**Grupp B**

Hibernians ...........................37
Starlites Sports Experience ......47
(9-10, 15-18, 3-8, 10-11)
Referis: S. Gouder, S. Micallef

Honey Athleta .......................56
Pavi Depiro ...........................57
(17-16, 11-7, 16-18, 12-16)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

Caffe Moak Luxol .................74
Hibernians ............................45
(24-9, 17-4, 19-12, 14-20)
Referis: B. Vassallo, L. Camilleri

**Klassifika Grupp B**

| | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Caffe M. Luxol | 2 | 2 | 0 | 118 | 75 | 4 |
| Starlites SE | 2 | 1 | 1 | 77 | 81 | 3 |
| Hibernians | 2 | 0 | 2 | 82 | 121 | 2 |

**Semi Finali**

Pavi Depiro 62
Starlites Sports Experience 46
(19-7, 13-15, 12-14, 18-10)
Referis: L. Camilleri, S. Micallef

Caffe Moak Luxol 52
Honey Athleta 55
(6-13, 12-21, 11-12, 23-9)
Referis: C. Terribile, S. Gouder

**Kampjonat Nazzjonali BOV I Diviżjoni Irġiel**

Floriana Royce ........................ 76
Starlites ................................. 66
(10-7. 19-17, 22-13, 25-29)
Referis: B. Vassallo, C. Terribile, T. Helenius

Pavi Depiro .......................... 62
Remax Citadel Siggiewi.......... 60
(15-18, 12-16, 19-15, 16-11)
Referis: B. Vassallo, L. Camilleri, S. Gouder

Bupa Luxol............................ 54
AtoZ Electronics Athleta........ 78
(13-19, 9-27, 12-10, 20-22)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, C. Terribile

AtoZ Electronics Athleta........ 82
Pavi Depiro .......................... 76
(14-24, 27-14, 19-14, 22-24)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, C. Terribile

Remax Citadel Siggiewi.......... 63
Floriana Royce ....................... 58
(14-13, 17-19, 15-15, 17-11)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, T. Helenius

Starlites ................................ 65
Bupa Luxol............................ 84
(11-26, 12-17, 11-19, 31-22)
Referis: B. Vassallo, C. Terribile, S. Gouder

**Kampjonat BOV II Diviżjoni Irġiel**

Mellieha Tritones.................. 54
Miscela D'Oro Mtarfa............ 49
(15-12, 10-7. 14-6. 15-24)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

Hibernians ............................ 75
Phoenix Bistro Loyola ........... 39
(9-9, 27-7, 19-10, 20-13)
Referis: C. Terribile, L. Camilleri

Phoenix Bistro Loyola ........... 59
Mellieha Tritones.................. 38
(9-11, 15-17, 18-9, 17-11)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

Miscela D'Oro Mtarfa............ 47
St. Nicholas Suns .................. 58
(23-12, 8-14, 7-16, 9-16)
Referis: B. Vassallo, S. Gouder

**Kampjonat Nazzjonali St. James Hospital – Nisa**

Pavi Depiro ........................... 46
Starlites Sports Experience ..... 32
(14-8, 8-10, 17-9, 7-5)
Referis: B. Vassallo, L. Camilleri

Phoenix Petrus Loyola........... 38
Hibernians ............................ 76
(6-13, 7-18, 14-24, 11-21)
Referis: C. Terribile, T. Helenius

Honey Athleta........................ 56
Caffe Moak Luxol ................. 45
(10-4, 15-14, 15-12, 16-15)
Referis: L. Camilleri, T. Helenius

Caffe Moak Luxol ............... 120
Phoenix Petrus Loyola........... 17
(29-3, 26-6, 32-7, 33-1)
Referis: C. Terribile, T. Helenius

Hibernians ............................ 51
Pavi Depiro........................... 48
(13-5, 14-10, 13-19, 11-14)
Referis: E. Mangani, T. Helenius

Starlites Sports Experience...... 41
Honey Athleta........................ 45
(13-10, 9-12, 6-12, 13-11)
Referis: C. Terribile, S. Gouder

**BOV Knock-Out – I Diviżjoni Irġiel**

**Preliminari**

Pavi Depiro........................... 89
Bupa Luxol............................ 79
(wara l-ħin barrani)
(19-25, 18-18, 13-16, 23-14) – (16-6)
Referis: E. Mangani, S. Micallef, S. Gouder

Starlites ................................ 59
Remax Citadel Siggiewi ......... 55
(11-6, 17-20, 16-18, 15-11)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, T. Helenius

**St. James Hospital K.O. – Nisa Preliminari**

Hibernians ............................ 65
Starlites Sports Experience ..... 49
(15-11, 13-8, 14-10, 23-20)
Referis: S. Micallef, T. Helenius

Honey Athleta........................ 73
Phoenix Petrus Loyola........... 25
(19-5, 17-8, 25-4, 12-8)
Referis: B. Vassallo, S. Gouder



Matul Awwissu li għadda, it-team nazzjonali ta' Taħt it-18-il sena tat-Tfajliet, kien impenjat fit-Diviżjoni Ċ tal-Kampjonat Ewropew tal-FIBA taħt it-tmexxija tal-coach Sandro Farrugia assistit minn Moira Caruana, liema kompetizzjoni ntlagħbet f'Andorra. Bla dubju, dan it-team għamel unur għal pajjiżna meta spiċċa fit-tieni post wara li tilef il-final kontra Andorra stess. Il-player Gaby Mifsud u Maria Bonett irċevew ukoll l-unur personali fl-All Stars Awards.

Fir-ritratt tidher l-iskwadra Maltija - *wara* - Moira Caruana (assistant coach), Martina Darmanin, Gabriella Mifsud, Francesca Mifsud, Maria Bonett, Christina Sollami, Christina Curmi, Claire Ciantar, Sandro Farrugia (coach) – *quddiem* - Martina Scicluna, Martina Mifsud, Monique Caruana, Julia Xerri, Nicole Agius.



**Derek Elston (Floriana Royce)**

minn Vincent Pisani

## Malta Pool Association - It-Tieni Ranking

# Kevin Mercieca jegħleb lil Mario Cutajar 9-4 fil-final



Scott Muscat rebbieħ fil-kategorija ta' Taħt it-18-il sena

**KEVIN MERCIECA** irnexxielu jirbaħ it-Tieni Ranking organizzat mill-Malta Pool Association meta fil-final għeleb lil Mario Cutajar bl-iskor ta' 9-4.

Fis-semi-finali, Mercieca għeleb lil Antione Aquilina 8-1 filwaqt li Cutajar għeleb lil Malcolm Azzopardi 8-7. Ir-riżultati tal-kwarti-finali kienu dawn: Mercieca v Marius Gatt 7-5; Cutajar v Stephen Mangion 7-5; Antione Aquilina v Raymond Caruana 7-5; Malcolm Azzopardi v Robert Fenech 7-2.

Fil-final ta' Taħt it-18-il sena, Scott Muscat, għeleb lil Ryan Falzon 7-4. Fis-semi-finali, Muscat għeleb lil Dejan Grech 6-3 filwaqt li Falzon għeleb ukoll lil Ryan Pisani 6-3.

It-Tieni Ranking ta' Taħt il-21 sena, intrebaħ minn Dylan Cassar meta fil-final irnexxielu jelgħeb lil Andre Cassar 8-1. Fis-semi-finali Cassar għeleb lil Troy Zammit 7-1 filwaqt li Cassar għeleb lil Lothar Mallia b'dan l-iskor identiku ta' 7-1.

## European Under 17 Snooker Open

# S'issa ħadu sehem 116-il player minn 16-il pajjiż bil-premijiet totali jlaħħqu €4,000

**TOTAL TA' 116-IL PLAYER** minn 16-il-pajjiż differenti ħadu sehem fit-tournaments tal-European Under 17 Snooker Open organizzati minn Pro-Am Snooker - Malta. Sebgħa minn dawn il-players qegħdin jilagħbu fil-Main Tour organizzat mill-World Snooker.

Il-pajjiżi li ħadu sehem s'issa huma Belġju, Ingilterra, Svezja, Polonja, Isle Of Man, Hong Kong, Skozja, Awstrija, Finlandja, Irlanda, Irlanda ta' Fuq, Iżrael, Franza, Repubblika Ċeka, Rumanija u Malta.

Ir-rebbieħa tat-tournaments kollha mill-2007 huma dawn:

2007 - Luca Brecel (Belġju)
2008 - Ryan Clark (Ingilterra)
2009 - Jake Nicholson (Ingilterra)
2010 - Declan Brennan (Irlanda ta' Fuq)
2011 - Zak Barton (Ingilterra)
2012 - Mateusz Baranowski (Polonja)
2013 - Brian Cini - (Malta)

Is-somma globali ta' prize money f'dawn it-tournaments kienet ta' €4,000.

Rapport dettaljat dwar it-tournament tal-2014, jidher fil-ħarġa ta' Jannar li ġej.

## Malta Eight Ball Federation
## Is-Sitt Ranking

# Rekord minn Roberta Cutajar... tirbaħ ir-Rankings kollha



Roberta Cutajar

**ROBERTA CUTAJAR** irnexxielha tagħmel dak li ħadd ma rnexxielu jagħmel qabel, jiġifieri, rebħet is-sitt Ranking kollha li organizzat il-Malta Eight Ball Federation. Fil-final tal-aħħar Ranking hija għelbet lil Donna Bugeja 5-4. Cutajar, bla dubju ta' xejn, mhux biss hija l-aqwa player femminili f'Malta imma saħansitra tħabbatha mal-aqwa players Ewropej.

Is-sitt Ranking tal-Irġiel intrebaħ minn Adrian Camilleri, meta fil-finali għeleb lil Kevin Schembri 10-4, biex kiseb post fit-team nazzjonli Malti li ppreżenta lil pajjizna fl-EBA Nations Cup, aktar kmieni dan ix-xahar. Ir-riżultati ta' dan il-Kampjonat jidhru f'ħarġa oħra ta' dan il-magażin.

Il-kategorija ta' Taħt it-23 sena ntrebħet minn Owen Amato li rebaħ lil Gary Carr 10-9 fil-Final. Is-sezzjoni ta' Taħt it-18-il sena, intrebħet minn Leon Azzopardi meta fil-finali għeleb lil Darren Azzopardi 8-4.

Is-sezzjoni ta' dawk il-players 'il fuq minn 40 sena, intrebħet minn Simon Zammit filwaqt li dik is-sezzjoni 'l fuq minn 50 sena, ntrebħet minn Joe Camilleri. Zammit u Camilleri għelbu lil Stephen Scicluna u lil Peter Tonna 8-6 u 6-5 rispettivament.

## Snooker - Riżultati

**European Tour 6 - Round 4**
David Morris v Alex Borg .................. 4-3

**MBSA - Ranking 1**
**Kwarti-Finali**
Simon Zammit v Joseph Casha .......... 4-3
Aaron Busutil v Mario Brincat ............ 4-2
Duncan Bezzina v Frans Mintoff ........ 4-0
Alex Borg v Brian Cini ....................... 4-1

**Semi-Finali**
Simon Zammit v Aaron Busuttil ........ 4-0
Alex Borg v Duncan Bezzina .............. 4-3

**Finali**
Alex Borg v Simon Zammit ................ 5-1

**MBSA - 6 Reds - Tournament 1**
**Semi-Finali**
Ivan Attard v Duncan Bezzina ............ 4-2
Simon Zammit v Philip Ciantar .......... 4-2

**Finali**
Ivan Attard v Simon Zammit ............. 5-3


Adrian Camilleri

# Midnight Passion jirbaħ l-aqwa


Kimberley Downs (Michael Sultana)


Il-ġerrej Eric Bezzina, sidien u partitarji ta' Midnight Passion wara l-preżentazzjoni



Midnight Passion jirbaħ il-finali tal-Kampjonat tal-Ħarifa

**IŻ-ŻIEMEL RIVELAZZJONI** ta' dawn l-aħħar xahrejn, l-Isvediż Midnight Passion, misjuq minn Eric Bezzina, ma falliex milli jirbaħ l-aqwa finali tal-Kampjonat tal-Ħarifa, miftuħa għall-Klassi Gold.

Il-Kampjonat kien sponsorjat minn Cassar Fuels. Midnight Passion ħalla kollox għall-aħħar 200 metru meta f'dak il-ħin qabeż lil Charm Hammering, b'dan tal-aħħar kellu jikkuntenta bit-tieni post. Wara dawn, fit-tielet post spiċċat Skars Hanna. Għal Midnight Passion, din kienet il-ħames rebħa mis-sitt tiġrijiet li għadu ġera fostna.

Finali oħra matul dan ix-xahar kienet dik tat-Tazza Johnnie Walker. Din intrebħet minn Kimberley Downs, misjuq minn Michael Sultana. Kif mistenni, dan wera l-potenzjal tiegħu fejn fid-dritta finali baqa' ġej biex rebaħ verament faċli quddiem Timoli, filwaqt li Frairscourt u Ollie Fliptrick spiċċaw fil-pjazzamenti l-oħrajn. Il-ħin tar-rebbieħ kien dak ta' 2.19.17 fuq 2250 metru.

## Riżultati tat-tiġrijiet

**Il-Ħadd, 27 ta' Ottubru, 2013**
**Race 1 – (2640m) – Class Copper Autostart**
Kiton de Bouere (Marius Mizzi) – Ħin: 1'19"3
Hawkear (Rodney Gatt)
Larissa de Brell (Clifferty Calleja)

**Race 2 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
Osthero D'Havetot (Andrew Farrugia) – Ħin: 1'18"0
Tough East (Darren Mizzi)
Vasterbo Diego (Charles Camilleri)

**Race 3 – (2140m)**
**Class Copper Autostart**
Royal Qui (Ivan Bilocca) – Ħin: 1'18"1
Esmeralda Run (Kevin Sciberras)
Monte Cinto Mag (Benny Briffa)

**Race 4 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
Loustci d'Anjou (Julian Farrugia) – Ħin: 1'16"6
Command Coger (Carmelo Farrugia)
Pema (Charles Farrugia)

**Race 5 – (2140m)**
**Class Silver B Autostart**
Magnific As (David Ellul) – Ħin. 1'15"8
Pile Ou Face (Joe Schembri)
Pilote de Nganda (James Carabott)

**Race 6 – (2140m)**
**Class Silver A Autostart**
Prince Lu (Shaun Portelli) – Ħin: 1'15"1
Zandina Boshoeve (Rodney Gatt)
Matador Knick (Carmelo Farrugia)

**Race 7 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
Midnight Passino (Eric Bezzina) – Ħin: 1'14"5
Charm Hammering (Carmelo Farrugia)
Skars Hanna (Jeffrey Said)

**Race 8 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
Qurieux de Ponchet (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"0
Partisan de Bouere (Brian Hili)
Prince November (Marvin Cauchi)

**Il-Ħadd, 3 ta' Novembru, 2013**
**Race 1 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Quintin Malin (Julian Farrugia) – Ħin: 1'19"4
Qualou Chouan (Eric Bezzina)
Emil Brebro (Carl Caruana)

**Race 2 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Ocean Brillouard (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'19"2
Baronello (Jason Vassallo)
Ogor (Anton Cassar)

**Race 3 – (2640m)**
**Class Open Autostart**
Nerlo Villetot (Julian Farrugia) – Ħin:1'18"6
Caddle Drink (Charles Farrugia)
Buckens Stjarna (Tony Tanti)

**Race 4 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Quartz Clayettols (Carl Caruana) – Ħin: 1'18"9
Petrus du Vivier (Mark Desira)
Pared An Hoel (Ivan Bilocca)

**Race 5 – (2640m)**
**Class Open Autostart**
Quio de Nappes (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"8
Pirate d'Urzy (Eugenio Bondin)
Darco As (Mark Tanti)

# finali tal-ħarifa

**Race 6 – (2640m)**
**Class Gold Autostart**
Oelliet de Phens (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"6
Xray Hornline (Donio Vella)
Nophenio de Lune (Charles Farrugia)

**Race 7 – (2640m)**
**Class Gold Autostart**
The Bad Rock (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"9
Nabab du Chatelet (Charles Camilleri)
Qurasi Diams (Emmanuel Fenech)

**Race 8 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Sandrone (Jason Vassallo) – Ħin: 1'18"9
Mealington (Noel Baldacchino)
Quatre de Coeur (John M. Seychell)

**It-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2013**
**Race 1 – (2640m)**
**Class Copper Autostart**
Stormy Sand (Jeffrey Pace) – Ħin: 1'19"3
Minou de Perdriat (Charles Farrugia)
Libre Echange (Michael Ellul)

**Race 2 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Qumran de la Motte (Francis Cassar) – Ħin: 1'19"0
Jet Startline (Mario Fenech)
Bob Wielinga (Mario Falzon)

**Race 3 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Max Advice (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'18"6
Take Out Blue (Paul Galea)
Nox Blue (Rodney Gatt)

**Race 4 – (2640m)**
**Class Gold Autostart**
Miky du Donjon (Joe Vella) – Ħin: 1'17"8
Skip Dimanche (Charlo Debono)
Onyx Lucernais (Jason Cordina)

**Race 5 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Poustouf de Bleuet (David Ellul) – Ħin: 1'17"3
Picbaia des Audins (Patrick Spiteri)
Noli de Marray (Patrick Spiteri)

**Race 6 – (2640m)**
**Class Gold Autostart**
Player de Mirel (Brian Hili) – Ħin: 1'17"4
Regent de Tillard (Andrew Farrugia)
Baron G.L. (Noel Baldacchino)

**Race 7 – (2640m)**
**Class Premier Autostart**
Rocky Composite (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"7
Oltedo de Rieux (Noel Baldacchino)
Nicos de Peneme (Kevin Azzopardi)

**Race 8 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Missionimpossibble (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'18"3
Bella Notte (Nathaniel Barbara)
Zeta Jones A (Charles Camilleri)

**Il-Ħadd, 10 ta' Novembru, 2013**
**Race 1 – (2140m)**
**Class Copper Autostart**
Libre Echange (Michael Ellul) – Ħin: 1'18"1
Cocos Kaos (Redent Magro)
Silvio Baldwin (Mario Falzon)

**Race 2 – (2140m)**
**Class Copper Autostart**
Louise Wood (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"9
Buckens Stjarma (Tony Tanti)
Loulou de la Rose (Carl Caruana)

**Race 3 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
Andri Boko (Tony Demanuele) – Ħin: 1'16"7
Pema (Charles Farrugia)
Max Advice (Noel Baldacchino)

**Race 4 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
Matador Knick (Carmelo Farrugia) – Ħin: 1'15"3
Target Player (Julian Farrugia)
Udice Bako (Tony Cauchi)

**Race 5 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
Zandina Boshoeve (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"4
Reado November (Shaun Portelli)
Charm Hammering (Gilbert Farrugia)

**Race 6 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
Malden Flash (Josef Farrugia) – Ħin: 1'18"3
Jet Starline (Mario Fenech)
Bep Swagerman (Tony Demanuele)

**Race 7 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
Orcas Bac (Charles Camilleri) – Ħin: 1'14"9
Okilaibo (Julian Farrugia)
Cloria Victis (Darren Mizzi)

**Race 8 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
Command Coger (Carmelo Farrugia) – Ħin: 1'16"7
Soren Suffor (Rodney Gatt)
Magnific As (David Ellul)

**Race 9 – (2140m)**
**Open Flat Race**
Kimberley Downs (Michael Sultana) – Ħin: 2'19"17
Timolin (Charles Pace)
Friarscourt (Matthew Mallia)

**Race 10 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
Bugatti Wulvennest (Julian Farrugia) – Ħin: 1'16"4
Zeta Jones A (Charles Camilleri)
Missionimpossible (Noel Baldacchino)

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Novembru, 2013**
**Race 1 – (2140m)**
**Class Copper Autostart**
Claude Carnevale (Charles Camilleri) – Ħin: 1'17"9
Marathon d'Isques (Julian Farrugia)
Minou de Perdriat (Charles Farrugia)

**Race 2 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
Sir Malouin (Kurt Saliba) – Ħin: 1'18"4
Norfolk de Gouerie (Clifferty Calleja)
Qumran de la Motte (Francis Cassar)

**Race 3 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Polytain (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"1
Quivan de Visais (Brian Zammit)
Oscar des Racques (Charles Camilleri)

**Race 4 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Petit Plerricais (Raymond Schembri) – Ħin: 1'16"9
Quio de Nappes (Julian Farrugia)
Milano du Gite (Clint Vassallo)

**Race 5 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Petit Veinard (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'19"0
Lorenz de Noyelles (Rodney Gatt)
Mezlo Josselyn (Victor Fenech)

**Race 6 – (2640m)**
**Class Premier Autostart**
Absolut Spender (Brian Hili) – Ħin: 1'16"4
Madam di Poggio (Julian Farrugia)
Orion du Vuamical (Francis Cassar)

**Race 7 – (2640m) – Class Silver Autostart**
Quroldo (Brian Zammit) – Ħin: 1'17"2
Pirate d'Urzy (Eugenio Bondin)
Pittacos (Christian Xerri)

**Race 8 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Shakira Trot (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"2
Vanmaker Limburgia (Charles Camilleri)
Oltedo de Rieux (Noel Baldacchino)

**Race 9 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Quozak Prior (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"8
Partner Blue (Christian Xerri)
Poustouf de Bleuet (David Ellul)

**Il-Ħadd, 17 ta' Novembru, 2013**
**Race 1 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Kaki de Peyrahout (Charles Farrugia) – Ħin: 1'18"6
Notre Joyeux (Noel Baldacchino)
Quella des Moyeux (Tony Demanuele)

**Race 2 – (2640m)**
**Class Gold Autostart**
Pitchpin (Julian Farrugia) – Ħin: 1'15"7
Prince Gaillard (Charles Camilleri)
Rapide de Matin (David Ellul)

**Race 3 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Poete De La Sarthe (Kurt Saliba) – Ħin: 1'18"2
Quasar de Subligny (Ronald Cassar)
Nemrod du Ruisseau (Silvio Schembri)

**Race 4 – (2640m)**
**Class Gold Autostart**
Quel Noir (Clint Vassallo) – Ħin: 1'17"3
Pan des Couperies (Charles Camilleri)
Quid de la Muette (Mark Desira)

**Race 5 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Pared An Hoel (Ivan Bilocca) – Ħin: 1'16"9
Piel Ou Face (Joe Schembri)
Quaid Tejy (Mario Falzon)

**Race 6 – (2640m)**
**Class Bronze Autostart**
Quo Vadis Phedo (Cliferty Calleja) – Ħin: 1'17"6
Quintin Malin (Julian Farrugia)
Magnum (Brian Hili)

**Race 7 – (2640m)**
**Class Gold Autostart**
Onyx Lucernais (Jason Cordina) – Ħin: 1'15"9
Nitesco d'Anotny (David Ellul)
Produit Fier (Emmanuel Fenech)

**Race 8 – (2640m)**
**Class Silver Autostart**
Pactolgo (Andrew Farrugia) – Ħin: 1'17"0
Reve de Nieu! (Carmelo Farrugia)
Pancho Villa (Andre Farrugia)

**Race 9 – (2640m) – Class Gold Autostart**
Reader Jyl (Charles Camilleri) – Ħin: 1'15"6
Olympiean Major (Anthony Spagnol)
Phenix de la Roque (Noel Baldacchino)

**Race 10 – (2640m) – Class Silver Autostart**
Quarborandum (Philip Calleja) – Ħin: 1'17"4
Quipson (Rodney Gatt)
Poalin de Bannes (Noel Baldacchino)

## Kampjonat 1957-58

# Floriana champions

**Il-Tlettax-il Ġurnata**

**26-04-1958:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Att: 9,748**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 8' u T. Cauchi (F) 14'.**
**Referee: George Degiorgio**

Il-partita ġiet abbandunata fil-55 minuta. Ir-riżultat baqa' jgħodd.

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Charles 'In-Nossa' Brincat, Pullu Mousu', Tony Dalli, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Tony ' Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Salvinu Schembri, Salvu Bonnici, Alfred Dayney, Maurice Walsh, Robbie Buttiġieg, Ray Edwards, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

1. B'din ir-rebħa Floriana FC saru champions tal-kampjonat 1957-58.

2. Il-partita kellha tiġi abbandunata fil-55 minuta wara li qam l-inkwiet qalb il-partitarji ta' Sliema Wanderers fejn intefgħu ġebel u fliexken fil-ground. L-ewwel ħjiel ta' inkwiet beda fil-54 minuta meta Ġużi Bonnici mar iġib il-ballun min-naħa tal-partitarji ta' Floriana, għaddew xi nsulti bejn il-player u n-nies, bil-player finalment jiġi ssuttat bil-ġebel. Bi tpattija meta ftit wara l-ballun mar ħdejn is-Sliema Side u mar għalih il-goalkeeper Furjaniż, Freddie Mizzi, niżlet xita ta' ġebel bil-goalkeeper jintlaqat f'idu. Il-players Slimiżi Sammy Nicholl, Edwards u Gollcher ipprovaw jikkalmaw ir-rabja tal-partitarji tagħhom iżda kien kollu għalxejn. Il-Pulizija intervjeniet billi tefgħet l-ilma bil-Fire Engine fid-direzzjoni tan-nies Slimiżi, iżda l-ilma dam ħiereġ biss 90 sekonda u waqaf. Minħabba li l-folla baqgħet ma kkalmatx il-Pulizija daħlu fiżikament jikkonfrontaw lill-partitarji. Ironikament waqt li l-ġlied bejn il-partitarji Slimiżi u l-Pulizija kien fl-aqwa tiegħu fuq in-naħa l-oħra tal-ground il-players Furjaniżi kienu qed jiġu merfugħa fuq l-ispallejn f'ċelebrazzjonijiet ta' ferħ. Diversi nies u Pulizija weġġgħu f'dan l-inkwiet fejn wieħed mill-Pulizija li weġġa' kien dak li beda jitfa' l-ilma mill-pompa li ttieħed lejn l-isptar. Fit-22 ta' Mejju, 1958, il-Kunsill tal-MFA iddeċieda li r-riżultat tal-partita jibqa' jgħodd filwaqt li Sliema Wanderers tilfu £120 tal-gate money. Peress li s-somma ta' flus kienet waħda qawwija għal dawk iż-żminijiet il-Wanderers appellaw minn din id-deċiżjoni. Il-Kunsill informa lill-club Slimiż li kien marbut bir-regolamenti li kien jgħidu li min jikkaġuna l-abbandun ta' partita jitlef il-flus tal-gate money. Bħala sinjal ta' rieda tajba Sliema ingħataw il-flus iżda xorta riedu jħallsu s-somma lura lill-MFA b'£5 fix-xahar.

**27-04-1958:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 4-2 H.T 2-2**
**Att: 1,286**
**Skurjaw: F. Zammit (V) 1', P. Carbonaro (B) 5', Ġ. Pisani (B) 20', M. Azzopardi (V) 41', F. Zammit (V) 59' u 86'.**
**Referee: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**

*Valletta FC:* Pawlu Montebello, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Joe Cilia, Karm Borg, J. Borg, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Dr. George Degiorgio.

*Birkirkara FC:* Nenu Bugeja, Salvu Theuma, Johnnie Gatt, Lolly Borg, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Norman Bell, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Louis Bugeja, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Catania, Pawlu Carbonaro.



**Floriana rebbieħa tat-Triple Crown 1957-58**

1. B'din ir-rebħa Valletta FC għamlu ċert minn post mal-ewwel erba' u għalhekk ikkwalifikaw biex jilgħabu fil-Cassar Cup.

**03-05-1958:**
**Ħamrun Sp. FC – St. George's FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 679**
**Skorja: T. Cassar (H) 65'.**
**Referee: Joseph Spiteri**

*Ħamrun Sp. FC*: Ronnie Farrugia, George Jones, George Cassar, John Cutajar, Carmelo 'In-Nene' Grech, Effie Borg, Pawlu Buttiġieg, Bertu Calleja, Michael Galea, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*St. George's FC*: Ellul, Karmenu Frendo, Tabone, Magri, Peppi Delceppo, Willie Xerri, Mifsud, Sammut, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Leli Stivala.

1. Iż-żewġ timijiet ma setgħux jagħmlu użu mill-players li kienu fl-Armata wara li dawn ma ngħatawx il-permess li jilagħbu. B'konsegwenza ta' dan, St. George's kellhom jgħaddu mingħajr Nenu Mizzi, Joe Mizzi u Salvu Scicluna 'L-Iscotch' filwaqt li kellhom lil Bertu Schreiner sospiż partita filwaqt li l-Ispartans, min-naħa tagħhom, kienu mingħajr il-goalkeeper Johnnie Chetcuti, Leli Borg, Freddie Sciberras u Ġużi Psaila.

2. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' ir-referee ta' din il-partita kien Don Eliott.

**04-05-1958:**
**Rabat FC – Hibernians FC 3-2 H.T 1-1**
**Att: 732**
**Skurjaw: C. Schembri (H) 25', P. Said (R) 34', Peter Micallef (R) 76', R. Agius (R) 81' u F. Church (H) 88'.**
**Referee: Turu Lentini**

*Rabat FC:* Edward 'Teddy' Borg, Johnnie Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Charlie Theuma, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Ernest Chappelle, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Victor Aquilina, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

*Hibernians FC:* Edwin Gili, Fred Barry, Paul Nelson, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Maurice Vella Borg, Joe Ebejer, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. Għal darb'oħra anke hawn iż-żewġ timijiet ma

setgħux jagħmlu użu mill-players li kienu mal-Armata. Rabat FC kienu mingħajr il-goalkeeper Tony Micallef u Johnnie Azzopardi filwaqt li Hibernians kienu mingħajr iż-żewġ difensuri Sunny Anastasi u Leli Attard.

2. Għalkemm ġie rraportat li fil-goal ta' Pawlu Said il-ballun ħabat ma' ras Louis Theobald u spiċċa fix-xibka, in-naħa l-oħra tal-goalkeeper Edwin Gili, il-ġurnali kollha xorta taw il-goal lil Pawlu Said.

*Klassifika*: Floriana FC 22 pt.; Sliema Wdrs. FC u Ħamrun Sp. FC 19-il pt.; Valletta FC 15-il pt.; Hibernians FC 10 pti.; Birkirkara FC 9 pti.; Rabat FC 6 pti. u St. George's FC 4 pti.

*L-Aqwa Skorers*: P. Demanuele (Floriana FC) 14-il goal; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 12-il goal; T. Cauchi (Floriana FC) 11-il goal; B. Dalli (Floriana FC) u F. Zammit (Valletta FC) 7 goals; L. Borg (Floriana FC) 6 goals.

## L-Erbatax-il Ġurnata

**10-05-1958:**
**Rabat FC – Ħamrun Sp. FC 3-1**
**H.T 0-0**
**Att: 768**
**Skurjaw: R. Agius (R) 51', F. Formosa (H) 58', P. Said (R) 73' u C. Theuma (R) 85'.**
**Referee: George Bonello.**

*Rabat FC*: Edward 'Teddy' Borg, Johnnie Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Charlie Theuma, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Ernest Chappelle, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Victor Aquilina, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, John Fondacaro, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, Effie Borg, Pawlu Buttiġieg, Bertu Calleja, Michael Galea, Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Franġisku 'Il-Mutu' Formosa.

1. B'din ir-rebħa Rabat FC huma matematikament salvi filwaqt li kkundannaw lil St. George's FC għat-Tieni Diviżjoni wara staġun wieħed mal-kbar.

2. Fl-okkażjoni tal-goal ta' Romeo Agius, skond il-ġurnali, il-player deher li kien f'pożizzjoni ta' offside bir-referee jikkonvalida l-goal u ma jkun hemm ebda protesti mill-players tal-Ispartans.

**11-05-1958:**
**Sliema Wdrs. FC – Birkirkara FC 5-0**
**H.T 1-0**
**Att: 1,060**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 22', S. Schembri (S) 57' u Ġ. Muscat (S) 74', pen. 78' u 86'.**
**Referee: Jos. F. Galea**

*Sliema Wdrs. FC*: Raymond Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Salvinu Schembri, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Henry Balghy, Ninu Calleja, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Maurice Walsh.

*Birkirkara FC:* Nenu Bugeja, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Lolly Borg, George Dalli, Norman Bell, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Louis Bugeja, Toni Caruana, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

1. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' ir-referee ta' din il-partita kien Carmel Galea.

2. Il-goalkeeper Ray Cosby lagħab l-ewwel partita tiegħu fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat meta ħa postu minflok il-goalkeeper regolari Victor Scerri.

**17-05-1958:**
**Floriana FC – Valletta FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Att: 1.578**
**Skorja: T. Cauchi (F) 33'.**
**Referee: John Ellison**

*Floriana FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Frankie Bonello, Louis Bugeja, Eddie Bonnett, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Ċensu 'In-Napezz' Fenech.

*Valletta FC:* Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Karm Borg, J. Borg, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Silvio Rapinett.

1. Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr il-players regolari Pullu Demanuele, Tony Dalli, Charlie Brincat u Freddie Vella James.

2. Valletta għamlu pressjoni qawwija biex jiksbu d-draw wara l-mistrieħ fejn laqtu darbtejn il-lasti filwaqt li Pullu Mousu f'żewġ okkażjonijiet salva minn fuq il-linja goals ċerti.

**18-05-1958:**
**Hibernians FC – St. George's FC 4-1 H.T 2-0**
**Att: 78**
**Skurjaw: F. Church (H) 1', F. Xuereb (H) 27', S. Scicluna (St. Geo) 72', F. Xuereb (H) 83' u L. Sultana (H) 87'.**
**Referee: Turu Lentini**

*Hibernians FC*: William Gregory, Fred Barry, Paul Nelson, Freddie Vassallo, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Mario Azzopardi, Joe Ebejer, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

*St. George's FC*: Ellul, Peppi Delceppo, Bertu Schreiner, Karmenu Frendo, Sammut, Nenu Mizzi, Pace, Salvu 'Scotch' Scicluna, Freddie Delia.

1. St. George's FC, li kienu diġà matematikament relegati fit-Tieni Diviżjoni, telgħu għal din il-partita b'disa' players.

**KLASSIFIKA FINALI**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana | 14 | 12 | 0 | 2 | 43 | 7 | 24 |
| Sliema W. | 14 | 10 | 1 | 3 | 32 | 11 | 21 |
| Hamrun S. | 14 | 9 | 1 | 4 | 18 | 15 | 19 |
| Valletta | 14 | 3 | 6 | 5 | 23 | 18 | 15 |
| Hibernians | 14 | 5 | 2 | 7 | 16 | 26 | 12 |
| Birkirkara | 14 | 4 | 1 | 9 | 14 | 31 | 9 |
| Rabat FC | 14 | 3 | 2 | 9 | 16 | 32 | 8 |
| St. George's | 14 | 1 | 2 | 11 | 11 | 33 | 4 |

1. Floriana FC Champions tal-Kampjonat Malti 1957-58.
2. St. George's FC relegati mill-ġdid għat-Tieni Diviżjoni wara staġun wieħed mal-kbar.
3. Floriana FC ingħataw il-punti tal-partita abbandunata kontra Sliema Wdrs. FC tas-26 ta' April 1958. Ir-riżultat ta' 2-0 fil-ħin tal-abbandun baqa' jgħodd. Il-partita kienet ġiet abbandunata fil-55 minuta wara inkwiet li nqala' fost il-partitarji ta' Sliema Wanderers.

**L-AQWA SKORERS: (173 goal)**

14 - Pullu Demanuele (Floriana FC).
13 - S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC).
12 - T. Cauchi (Floriana FC).
7 - B. Dalli (Floriana FC) u F. Zammit (Valletta FC).
6 - L. Borg (Floriana FC); P. Said (Rabat FC) u Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC).
5 - A. Cassar (Hamrun Sp. FC); F. Church (Hibernians FC) u J. Urpani (Valletta FC).
4 - Đ. Pisani (Birkirkara FC); G. Psaila (Hamrun Sp. FC); L. Sultana (Hibernians FC); E. Mizzi (St. George's) u N. Mackay (Valletta FC).
3 - T. Caruana (Birkirkara FC); M. Galea (Hamrun Sp. FC); J. Ebejer (Hibernians); R. Agius (Rabat FC); F. Delia (St. George's FC); S. Schembri u R. Edwards (Sliema Wdrs. FC) u S. Rapinett (Valletta FC).
2 - G. Dalli u F. Bonnici (Birkirkara FC); Ġ. Alamango (Floriana FC); C. Schembri u F. Xuereb (Hibernians FC); J. Azzopardi, Peter Micallef u C. Theuma (Rabat FC); S. Scicluna (St. George's FC); R. Buttigieg u C. Mattocks (Sliema Wdrs. FC).
1 - G. Camilleri, E. Mallia u P. Carbonaro (Birkirkara FC); P. Buttiġieg, F. Borg, Effie Borg, K. Camilleri u F. Formosa (Hamrun Sp. FC); F. Bonello (Floriana FC); C. Zahra (Rabat FC), L. Stivala (St. George's FC); N. Calleja, H. Balghy u M. Walsh (Sliema Wdrs FC) u M. Azzopardi u J. Cilia (Valletta FC).

Auto-goals (5) - Ninu Calleja (Sliema Wdrs. FC); Salvu Bonnici (Sliema Wdrs. FC); Alex Gollcher (Sliema Wdrs. FC); Ruġġieru Spiteri (Rabat FC) Tabone (St. George's)

minn Joseph Serracino

# It-Tiġrija tal-Vitorja (2000-2013)

## Is-Sitt Parti

Is-Sindku tal-Belt, Paul Borg Olivier, li kien qed isegwi din it-tiġrija minn fuq waħda mill-Patrol Boats flimkien mal-Ministru Mugliett ikkummenta hekk: *'... jidher ċar li l-qaddiefa Marsin intenzjonalment qadfu għal fuq id dgħajsa Beltija fl aħħar tiġrija tar-Regatta, meta l-ekwipaġġ Belti kellu ċans tajjeb li jirbaħ ix-Shield għall-ewwel darba...'*

Is-Sur Borda, ex segretarju tal-klabb Belti sostna li mhux sewwa li l-ekwipaġġ Belti jiġi akkużat għall-inċident tad-dgħajjes tal-Midalji, meta fil-fatt l-ebda protest ma sar mill-kumitati taż-żewġ klabbs ... iż-żewġ dgħajjes ġew skwalifikati...

Uffiċjal fl-organizzazzjoni tar-Regatta kkummenta li xi distretti bdew jaħsbuha jekk jirtirawx mir-Regatta minħabba n-numru kbir ta' partitarji Beltin preżenti fid-dwana waqt dawn it-tiġrijiet....

Wara t-tiġrija, il-kumitat tar-Regatta saħaq li r-riżultati kienu validi għall-ewwel disa' tiġrijiet peress li l-inċidenti fid-dwana ma ppermettux lid-dgħajjes li pparteċipaw fl-aħħar tiġrija jiġu mwieżna ...

Numru ta' dilettanti kkummentaw ma' ġurnalist tal-ġurnal *Times of Malta* fejn huma sostnew li ma kinux sorpriżi mill-pandemonju kbir li nqala' fid-dwana meta wieħed jikkinsidra l-imħatri kbar li jsiru ...

Ma' dawn se nżid żewġ kummenti nteressanti minn żewġ anzjani li minkejja li saru f'ħinijiet differenti għandhom l-istess fehma. Kalkariż anzjan saħaq hekk. *'...jien ma nafx x'ġara eżatt waqt it-tiġrija, iżda dak li ġara llum fid-dwana jkompli jkisser l-image sabiħ li minn dejjem kellha r-Regatta ... jien ilni nsegwi dawn it-tiġrijiet mis-snin 60 u ma niftakar qatt li tkissret ix-Shield u l-paljijiet jintremew fil-baħar... jien nosserva li fid-dwana qed ikun hemm ħafna nies li ma għandhom x'jaqsmu xejn la mad-distretti u lanqas mar-Regatta ... ħafna minnhom lanqas biss jagħrfu x'differnza hemm bejn Frejgatina minn Kajjikk aħseb kemm jifhmu fir-Regatta ... Jien niftakar li fis-snin 60, fid-dwana kien ikun hemm biss l-uffiċjali tar-Regatta u rapprenżentant wieħed minn kull distrett ... ma kienx ikun hemm aktar minn tużżana pulizija fid-dwana, għax ħafna minnhom kienu jkunu taħt il mina għal dak li jista' jinqala' ... dak li ġara llum fid-dwana huwa tal-mistħija ... nibża' li n-nies se tonqos għax tibża' tinżel ix-xatt biex tara r-Regatta...'*

Kumment ieħor minn dilettant Vittoriosan: *'... jien nixtieq nistaqsi lill-organizzaturi tar-Regatta xi jkunu qegħdin jagħmlu dawk in-nies kollha jduru fid-dwana, u għaliex il-pulizija qed tippremetti li mal-grada tad-dwana jinġemgħu ħafna partitarji, xi wħud minnhom jgħajtu ma wiċċhom... Safejn naf jien, kull min jidħol fid-dwana suppost li jkun jew uffiċjal fl-organizzazzjoni jew membru tal-media inkella delegat ta' distrett ... jien ġieli rajt persuni bit-tags fuq il-flokk, li meta staqsejt x'kariga għandhom fl-amministrazzjoni tar-Regatta qaluli li dawn jinsabu hemm għax mistednin ... fil-fehma tiegħi, nies li m'għandhomx jaqsmu mar-Regatta m'għandhomx ikunu fid-dwana waqt ir-Regatta, u l-pulizija m'għandha tħalli qatt nies jinġabru wara r-rixtellu tad-dwana għax tkun qed tistieden l-inkwiet ... nippretendi aktar serjetà mid-diriġenti li jmexxu r-Regatta...'*

Aktar tard matul is-sena, f'silta minn artiklu relatat mal-inkwiet li nqala' fid-dwana fl-edizzjoni tar-Regatta 2003, ippubblikat fl 5 ta' Diċembru, jikkonferma li l-ġlied u tkissir tat-trofej mill-partitarji Beltin kien dovut minn frustazzjoni u r-rabja kbira li ħassew meta raw lil-lokal tagħhom jiġi ngannat u litteralment misruq mir-rebħ tax-Shield. Il-partitarji Beltin kienu qed jittamaw li r-riżultat tat-tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef jiġi rivedut peress li kien evidenti li l-ħabta mad-dgħajsa kienet premeditata. Skond l-istess sorsi qed jingħad li l-Kumitat tar-Regatta kien qed jikkunsidra jekk xi wħud mill-qaddiefa li kienu nvoluti f'dan l-inċident jiġux sospiżi milli jipparteċipaw fit-tiġrijiet tar-Regatta. L-artiklu jintemm hekk: *'... sa issa mhux magħruf jekk se jkunx hemm xi tibdil fil-format tar Regatta tradizzjonali wara li l-Ministru taż-Żgħażagħ u Kultura saħaq biex issir reviżjoni tar-regolamenti u l-proċeduri tal-organizzazzjoni...'*

Finalment fi stqarrija maħruġa mid-DOI, fid-29 ta' Jannar, 2004, tiżvela x'passi dixxiplinarji ttieħdu mill-kumitat Festi Nazzjonali dwar ir-Regatta ta' Jum il-Vitorja 2003:

Wara l-inċidenti li seħħew fl-aħħar tat-tiġrijiet tradizzjonali tar-Regatta nhar it-8 ta' Settembru, 2003 il-Kumitat Festi Nazzjonali stħarreġ l-istess inċidenti li nqalgħu dakinhar partikolarment dak li ġara fil-bidu tal-10 tiġrija tal-istess edizzjoni tar-Regatta. Il-Kumitat Festi Nazzjonali sema' l-veduti tal-membri tal-Kummissjoni Regatta, stħarreġ ir-rapport tal-judges li mexxew ir-Regatta, sema' x'kellhom xi jgħidu l-qaddiefa tal-klabb tal-Marsa li ħadu sehem fl-istess tiġrija u ressaq għall-approvazzjoni r-riżoluzzjoni tiegħu lill-Għaqda Regatta Nazzjonali, li hi fformata mill-istess klabbs li jieħdu sehem fir-Regatta. L-istess riżoluzzjoni tal-Kumitat Festi Nazzjonali kienet approvata mill-Għaqda Regatta Nazzjonali nhar is-Sibt 24 ta' Jannar, 2004.

Għaldaqstant il-Kumitat Festi Nazzjonali permezz ta' din ir-riżoluzzjoni qiegħed:

Jimmulta lill-klabb ta' Marsamxett is-somma ta' Lm400 minħabba l-imġieba ħażina tal-partitarji tiegħu. Tali somma qed titnaqqas mill-flus li l-istess klabb li għandu jieħu mill-Kumitat Festi Nazzjonali bħala premijiet u sussidju ta' parteċipazzjoni fl-istess edizzjoni tar-Regatta ta' Jum il-Vitorja.

Jiskwalifika lill-qaddiefa tal-10 tiġrija tal-Klabb tal-Marsa minn kull tiġrija, ma' kull klabb, fl-ewwel tiġrija li ssir mill-Kumitat Festi Nazzjonali abbinata mal-festa ta' Jum il-Vitorja. Barra minn hekk, dawn l-istess qaddiefa qed jiġu mmultati s-somma ta' Lm125 kull wieħed, liema somma trid titħallas sal-31 ta' Marzu, 2004.

Il-Kumitat Festi Nazzjonali issa daħal fl-istadju li jiltaqa' ma' l-Għaqda Regatta Nazzjonali biex flimkien isir studju sabiex jiġu msaħħa r-regolamenti tar-Regatta, titjieb l-organizzazzjoni tar-Regatta, issir għażla ta' panel ta' judges li jgawdu l-appoġġ ta' kulħadd u jinħatar bord indipendenti ta' dixxiplina li jkun aċċettat mill-Għaqda Regatta Nazzjonali bl-aġenda hawn partijiet kollha (jiġifieri mill-Kumitat Festi Nazzjonali u l-Għaqda Regatta Nazzjonali)

Għal dan il-għan diġà ġie miftiehem li fil-jiem li ġejjin issir laqgħa apposta bejn il-Kummissjoni Regatta, fi ħdan il-Kumitat Festi Nazzjonali u l-Għaqda Regatta Nazzjonali taħt il-presidenza tal-President fuq imsemmija.

Sfortunatament, il-kwistjoni tal-inċidenti fid-dwana kompliet tikkomplika ruħha b'polemika li nqalgħet bejn tliet klabbs tar-Regatta Marsa, l-Isla u l-Birgu u l-Għaqda Regatta Nazzjonali, wara li din approvat riżoluzzjoni mressqa mill-Kumitat Festi Nazzjonali dwar il-passi dixxiplinarji marbuta mal-inċidenti tar-Regatta ta' Jum il-Vitorja. Dawn it-tliet klabbs, sostnew li b'dan l-aġir, l-Għaqda tar-Regatta mxiet kontra l-istatut tagħha. Għaldaqstant it-tliet klabbs bagħtu ittra legali fejn fiha sostnew li l-istatut tal-Għaqda Regatta Nazzjonali jgħid li f'każ ta' dixxiplina l-Għaqda biss għandha s-setgħa li tiddeċiedi u taħtar Bord indipendenti ħalli ma jkunx hemm kunflitt ta' interess. Għalhekk it-tliet klabbs talbu lill-Għaqda Regatta li hi komposta mill-klabbs kollha tar-Regatta biex tissejjaħ




L-inċident fl-aħħar tiġrija li fiha d-dgħajsa ta' Marsamxett tidher diehla f'dik tal-Isla u Bormla tieħu vantaġġ u jidħlu l-ewwel

laqgħa għall-klabbs u tiċċara l-pożizzjoni tagħha.

Issa nħallu warajna l-inċidenti koroh li seħħew fit-Tiġrija tal-Vitorja fl-2003, u ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar l-edizzjoni 2004, li minkejja klenet Regatta pjaċevoli u mżewqa b'rebħiet sbieħ minn diversi distretti, fosthom dak tal-Birgu li rnexxielu jirbaħ l-ewwel palju (Frejgatini) wara tliet snin, l-attendenza tan-nies madwar il-port kienet aħjar minn dik tas-sena ta' qabel. F'din l-edizzjoni wkoll, l-aħħar tiġrija dik tad-dgħajjes tal-Pass bl-Erbgħa Mqadef kienet determinanti għar-rebħ tax-Shield, anke jekk id-distrett tal-Isla kien diġà jgawdi vantaġġ sostanzjali fuq Marsamxett li kien qed jittama li jirbaħ l-Aggregate Shield għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu. Marsamxett seta' jirbaħ dan l-unur, jekk il-qaddiefa tiegħu jidħlu l-ewwel u l-Isla ma tiksibx l-ebda punt. Sfortunatament it-tama tal-Beltin li jirbħu dan l-unur sfumat fix-xejn meta d-dgħajsa tagħhom fl-aħħar fażi tat-tiġrija daħlet fuq id-dgħajsa tal-Isla u ġiet skwalifikata.

F'artiklu interessanti li deher f'waħda mill-gazzetti ta' kuljum (19/12/2004) tħabbar li fuq dan il-każ partikolari, il-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Regatta fi ħdan il-Kumitat Festi Nazzjonali ltaqa' kemm-il darba bejn Settembru u Novembru, fejn wara li analizza bir-reqqa r-rapporti kollha li saru fuq dan l-inċident, wasal għall-konkluzjoni li jippenalizza lill-erba' qaddiefa ta' Marsamxett Marlon Cutajar, Paul Grech, Dennis Thornton u Joseph Pace b'sospensjoni għal 13-il xahar minn kull tiġrija organizzata mill-Kumitat Festi Nazzjonali. Din is-sospensjoni bdiet tgħodd mid-9 ta' Settembru (2004) sa Ottubru 2005, u għalhekk l-erba' qaddiefa ma setgħux jipparteċipaw la fit-Tiġrija tal-Jum il-Ħelsien ( 2005) u lanqas fit-Tiġrija tal-Vitorja ( 2005). Intqal ukoll li l-klabbs kollha tar-Regatta aċċettaw din id-deċiżjoni dixxiplinarja.

Skond l-informazzjoni li ksibt dwar dan il-każ, jidher ċar li l-inċident seħħ fl-aħħar fażi tat-tiġrija, meta d-dgħajjes kienu qabżu l-Ponta tal-Isla. Skond ix-xhieda mogħtija f'dan il-każ, kollox jindika li l-ekwipaġġ Belti ġie imwissi mill-ġurija biex jiftaħ lejn Sant'Anġlu meta deher ċar li kienu se jidħlu fuq id-dgħajsa tal-Isla. Madankollu, wieħed mill-qaddiefa fix-xhieda tiegħu sostna li qabel il-ħabta huwa ma semax lill-ġurat jgħidilhom biex jiftħu u sar jaf li d-dgħajsa tagħhom ġiet skwalifikata minn wieħed minn sħabu. Qaddief ieħor sostna li hu jaħseb li kienet l-opra tal-Isla li ġiet fuqhom u hu ma semax il-judge jagħtihom xi struzzjonijiet. Dan forsi minħabba l-għajjat tal-ispettaturi li kienu viċin fuq dgħajjes oħra marbuta mal-ħbula tal-korsa. Finalment, il-Bord wara li studja sewwa r-rapporti u x-xhieda kollha li tressqet quddiemu, issospenda lill-erba' qaddiefa Beltin milli jipparteċipaw fir-Regatti għal perjodu ta' 13-il xahar. Kif kien mistenni, il-kumitat ta' Marsamxett, wara li studja fid-dettal din id-deċiżjoni, iltaqa' biex jara x'mezzi legali seta' jieħu biex itaffi b'xi mod l-impatt ta' din id-deċiżjoni.

Tajjeb li wieħed ifakkar ukoll li wara l-inċidenti li kienu nqalgħu fir-Regatta tal-Vitorja 2003, il-kummissjoni Regatta fi ħdan il-Kumitat Festi Nazzjonali rrevediet ir-regolamenti li jmexxu r-Regatta kemm dik tal-Vitorja kif ukoll dik ta' Jum il-Ħelsien. It-tibdil li sar jirrigwarda l-aktar il-passi dixxplinarji li riedu jittieħdu kontra qaddiefa f'każi li jtellfu mill-isportività, u għal dan il-għan twaqqaf Bord ta' Dixxplina indipendenti. Dan il-Bord li kien ifformat minn ħames membri, bis-sur Frans Ghirxi (Chairman) u s-sinjuri Albert Callus, Euchar Camilleri, Lawrence Farrugia u Robert Ferrante bħala membri, kien approvat unimament mill-membri kollha tal-Kummissjoni Regatta.

Interessanti huwa l-fatt li fl-istess perijodu ta' żmien, il-Kummissjoni Regatta fi ħdan il-Kumitat Festi Nazzjonali kienet qed tistudja t-talbiet ta' waqfien ta' klabbs ġodda tar-Regatta, u hawn jissemmew kemm Birżebbuġa kif ukoll il-Pietà ... u kif ukoll aktar għajnuna f'dak li hu sussidju allokat għal kull klabb, fejn kull klabb kien qed jieħu madwar €1150 għal għaxar opri. Problema oħra li ġiet diskussa kienet dwar il-Cruise Liners, fejn hawnhekk, l-Għaqda Regatta u Qdif Ieħor uriet ix-xewqa li f'nhar iż-żewġ Regatti, il-Cruise Liners mhux biss ma jidħlux fil-port iżda lanqas jitħallew sorġuti mal-moll għad-detriment tal-ispettaturi li ta' kull sena jinżlu x-xatt biex isegwu r-Regatta Nazzjonali.

F'din l-edizzjoni bdiet tingħata Shield ġdida għall-Kategorija 'B' jew aħjar kif kienet magħrufa bħala tar-Reserves.

L-edizzjoni 2005 ġiet deskritta bħala paġna glorjuża għall-klabb tar-Regatta tal-Marsa fl-għeluq il-100 sena mit-twaqqif tiegħu. Wara r-rebħa konvinċenti tax-Shield fir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien, il-qaddiefa Marsin irnexxielhom jirbħu wkoll iż-żewġ kategoriji tat-tiġrijiet fit-Tiġrija tal-Vitorja.

Din ir-rebħa storika – id-disa' waħda tal-Aggregate Shield fl-istorja tal-klabb, tant imliet b'entużjażmu kbir lill-partitarji Marsin, li wara l-preżentazzjoni tax-Shield, huma mxew mid-dwana sal-klabb tagħhom fost delirju kbir ta' ferħ, għajjat u kant.

Kienet demostrazzjoni spontanja li wriet tabilħaqq kemm din id-drawwa antika għadd għandha l-għeruq tagħha b'saħħithom fost il-poplu tagħna, u x'entużjażmu kbir tqajjem ir-rebħ tax-Shield tal-fidda fost il-partitarji tad-distrett rebbieħ.

**Ikompli f'ħarġa oħra**

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Real Madrid

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru, 2013

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Real Madrid ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 79

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 79 hija:
**Carmen Cordina - Sliema**





# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 79

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | O | P | G | U | N | | P | I | T | P | A | S | S |
| H | | L | | S | | O | | | R | | D | | I |
| O | C | A | N | A | | B | E | N | E | | E | | O |
| R | | T | | I | A | A | F | | S | | M | A | N |
| I | | T | O | N | Y | | F | L | O | R | I | O | |
| R | E | I | | | A | L | I | | R | | R | U | N |
| | | N | E | I | L | | E | | | A | | D | |
| J | U | A | N | | A | | | M | A | R | I | O | N |
| A | | | V | | | J | O | E | | D | | U | |
| C | O | R | I | N | N | E | | O | M | A | R | | D |
| K | | | C | | | T | | L | | | E | V | A |
| P | O | T | | C | A | S | T | A | L | D | I | | E |
| O | | O | | H | | O | | | A | | M | | G |
| T | O | R | P | I | A | N | O | | W | A | S | I | U |

## irbaħ €150 voucher ma'

TeamSport

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Diċembru, 2013:

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Rebbieħ Ħarġa nru 79: Marthese Mifsud - Fgura**

**Mimdudin**

1) Malta se tipparteċipa fil-"........... Games" fl-2014 (12)
8) "Alf ...", żiemel Svediż ta' 12-il sena (3)
9) Marco, midfielder Taljan ta' Paris St. Germain FC (8)
10) Antonelli, motoċiklist Taljan li kkraxxja u miet f'Lulju 2013 (6)
12) Borg Costanzi, fl-2008 qasmet bejn Malta u Sqallija bil-kayak (5)
13) Wesley, midfielder offensiv ta' Galatasaray FC (8)
15) Mauro, attakkant Arġentin ta' Inter FC (6)
16) Alden, President tal-Malta Climbing Club (5)
19) u 35) Cauchi, sewwieq prominenti Malti tal-Karting (6)
20) Larry, boxer Heavyweight Amerikan (6)
23) Miki, figure skater Ġappuniża 'tad-deheb' (4)
25) Belt ospitanti fil-FIFA WC 2002 (5)
27) Uli, eks futboler tal-Ġermanja u kowċ ta' Svizzera (7)
30) Il-klabb minn Nicosia tal-futboler Malti Andre Schembri (6)
31) Association Football (1,1)
32) Sergio, sewwieq tal-F1 Messikan mal-McLaren-Mercedes (5)
34) D'Agostino, futboler femminili Maltija ta' esperjenza kbira (7)
35) Ara 19 Mimdudin

**Weqfin**

1) Mark, ċiklist ta' fama mondjali minn Isle of Man (9)
2) Olaf, eks futboler internazzjonali Ġermaniż (9)
3) "..... Index", żiemel Svediż ta' 12-il sena (5)
4) Tom, golfer professjonali Amerikan (6)
5) Caruana, plejer Malti tal-Pool li jippromettì (4)
6) Dominique, eks futboler internazzjonali ta' Svizzera (4)
7) J-lio ..... Soares de Espíndola (5)
10) Borg, atleta Maltija tal-Beach Volleyball fil-GSSE 2013 (6)
11) José Rodolfo Pires Ribeiro, difensur Brażiljan ta' AS Roma (4)
13) Mohammed, eks midfilder ta' Liverpool u Juventus (7)
14) Sinisa, eks midfielder Ċekoslovakk ta' Ħamrun Spartans (5)
17) u 31) Marco, Segretarju Ġenerali tal-ASA (6)
18) Joseph, membru fit-tim tal-Kamerun fil-FIFA WC 1998 (1'2)
21) "...... D'Havetot", żiemel Franċiż ta' 11 il-sena (6)
22) Mark, kowċ attwali ta' Valletta FC (6)
24) Pistorius, 'mill-ġenna tal-art għall-infern' (5)
26) Ramsey, kowċ rebbieħ tal-FIFA WC 1966 (3)
28) Belozoglu, midfielder Tork ta' Fenerbahce FC (4)
29) European National Olympic Committee (1,1,1,1)
31) Ara 17 Weqfin
34) Roberto jew Elias, it-tnjen eks futbolers Brażiljani (2)




PUT YOUR
**NAME**
IN THE
**GAME**

TeamSporT




Oris Aquis Date
Automatic mechanical movement
Top ring with black ceramic inlay
Unidirectional, revolving top ring
Water Resistant to 300 m
www.oris.ch

ORIS
Swiss Made Watches
Since 1904

Pavilion Jewellers,
43, Republic Street, Valletta.

Jos. Debono Jewellers,
151, St Lucia Street, Valletta.

Tel: 2124 4839.
Email: info@pavilion.com.mt